ISSN 1725-5198

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 101

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

1 ta' April 2011

Avviż Nru	Werrej	Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

2011/C 101/01	Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta għal Regolament dwar il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' prekursuri għall-isplussivi	1
2011/C 101/02	Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – "L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura"	6
2011/C 101/03	Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta Emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru (…/…) (li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat)	14
2011/C 101/04	Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA)	20

MT

Prezz: EUR 3

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2011/C 101/05 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6076 – Orangina Schweppes/Européenne d'Embouteillage) ([1]) 25

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2011/C 101/06 Rata tal-kambju tal-euro 26

Il-Qorti tal-Awdituri

2011/C 101/07 Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2011 "Id-devoluzzjoni tal-ġestjoni tal-Kummissjoni tal-għajnuna esterna mill-kwartieri ġenerali tagħha rriżultat fi twassil tal-għajnuna mtejjeb?" 27

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2011/C 101/08 Proċedura nazzjonali tal-Belġu għall-allokazzjoni tad-drittijiet limitati għat-traffiku tal-ajru 28

2011/C 101/09 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE dwar għajnuna ta' investiment nazzjonali reġjonali ([1]) 34

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(*Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa*)

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta għal Regolament dwar il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' prekursuri għall-isplussivi

(2011/C 101/01)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1],

Wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [2],

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-20 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal Regolament dwar il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' prekursuri għall-isplussivi [3] ("il-Proposta"). Fil-11 ta' Novembru 2010, il-Proposta kif adottata mill-Kummissjoni ntbagħtet lill-KEPD għal konsultazzjoni skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li huwa kkonsultat mill-Kummissjoni u li saret referenza għal din il-konsultazzjoni fil-premessi tal-Proposta.

2. L-għan ewlieni tal-miżuri proposti huwa li jitnaqqas ir-riskju tal-attakki minn terroristi jew kriminali oħrajn bl-użu ta' apparat splussiv magħmul id-dar. Għal dan il-għan, ir-Regolament jillimita l-aċċess tal-pubbliku ġenerali għal ċerti sustanzi kimiċi, li jistgħu jintużaw ħażin bħala prekursuri għall-isplussivi magħmula d-dar. Minbarra dan, il-Proposta tpoġġi l-bejgħ ta' tali sustanzi kimiċi taħt kontroll aktar strett permezz tar-rappurtar ta' serq u tranżazzjonijiet suspettużi.

3. F'din l-opinjoni l-KEPD qed jiġbed l-attenzjoni tal-leġiżlaturi dwar għadd ta' kwistjonijiet relevanti għall-protezzjoni tad-data u jipprovdi rakkomandazzjonijiet biex jiżgura d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali.

II. ANALIŻI TAL-PROPOSTA U L-KWISTJONIJIET RELEVANTI TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA

1. Miżuri proposti mill-Kummissjoni

4. Il-Proposta tindirizza l-problemi tal-użu ħażin ta' ċerti sustanzi perikolużi, li huma disponibbli b'mod wiesa' għall-pubbliku ġenerali fis-suq, bħala prekursuri għall-isplussivi magħmula d-dar. L-Artikoli 4 u 5 tal-Proposta jittrattaw il-projbizzjoni tal-bejgħ lill-pubbliku ġenerali, li hija kkombinata ma' skema ta' liċenzjar u ħtieġa li jiġu rreġistrati t-tranżazzjonijiet kollha liċenzjati. L-Artikolu 6 jitlob lill-operaturi ekonomiċi jirrapportaw is-serq u t-tranżazzjonijiet suspettużi. Finalment l-Artikolu 7 jittratta l-ħtieġa tal-protezzjoni tad-data.

Artikoli 4 u 5: Projbizzjoni tal-bejgħ, il-liċenzjar u r-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet

5. Il-bejgħ ta' ċerti sustanzi kimiċi, il-limiti ta' konċentrazzjoni speċifikati fuq, lill-membri tal-pubbliku ġenerali ser jiġi pprojbit. Il-bejgħ ta' konċentrazzjonijiet ogħla jkun permess biss għal utenti li jkunu jistgħu jiddokumentaw ħtieġa leġittima li jużaw is-sustanza kimika.

[1] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[3] COM(2010) 473.

6. L-ambitu tal-projbizzjoni huwa limitat għal lista qasira ta' sustanzi kimiċi u t-taħlitiet tagħhom (ara l-Anness I għall-Proposta), u l-bejgħ ta' dawn is-sustanzi lill-pubbliku ġenerali. Ir-restrizzjonijiet ma japplikawx għall-utenti professjonali jew fl-operazzjonijiet minn negozju għal negozju. Barra minn hekk, id-disponibbiltà għall-pubbliku ġenerali tas-sustanzi magħżula f'lista qasira hija limitata biss jekk dawn ikunu ogħla minn ċerti livelli ta' konċentrazzjoni. Barra minn hekk, is-sustanzi xorta waħda jistgħu jinkisbu mal-preżentazzjoni ta' liċenzja minn awtorità pubblika (użu leġittimu tad-dokumentazzjoni). Finalment, hemm eċċezzjoni li tapplika għal dawk il-bdiewa li jkollhom il-permess jixtru nitrat tal-ammonju sabiex jintuża bħala fertilizzant mingħajr liċenzja, irrispettivament mil-limiti ta' konċentrazzjoni.

7. Il-liċenzji jkunu meħtieġa wkoll jekk membru tal-pubbliku ġenerali jkun biħsiebu jimporta s-sustanzi magħżula f'lista qasira lejn l-Unjoni Ewropea.

8. Operatur ekonomiku li jagħmel sustanza jew taħlita disponibbli għal membru liċenzjat tal-pubbliku ġenerali għandu jivverifika l-liċenzja ppreżentata u jżomm rekord tat-tranżazzjoni.

9. Kull Stat Membru huwa mitlub jistabbilixxi r-regoli għall-għoti tal-liċenzja. L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru għandha tirrifjuta li tagħti l-liċenzja lill-applikant jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex tiddubita l-leġittimità tal-intenzjoni tal-użu. Il-liċenzji mogħtija għandhom ikunu validi fl-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni tista' tfassal linji gwida dwar id-dettalji teknici tal-liċenzji sabiex jassistu r-rikonoxximent reċiproku tagħhom.

Artikolu 6: Ir-rappurtar ta' serq u tranżazzjonijiet suspettużi

10. Il-bejgħ ta' firxa usa' ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib (dawk elenkati fl-Anness II, minbarra dawk kollha elenkati fl-Anness I, li huma diġà soġġetti għar-rekwiżit tal-liċenzjar) ser ikun soġġett għar-rappurtar ta' serq u tranżazzjonijiet suspettużi.

11. Il-Proposta titlob lil kull Stat Membru jaħtar punt ta' kuntatt nazzjonali (b'numru tat-telefon u indirizz tal-e-mail identifikati b'mod ċar) għar-rappurtar ta' serq u tranżazzjonijiet suspettużi. L-operaturi ekonomiċi huma mitluba jirrapportaw kwalunkwe serq u tranżazzjoni suspettuża mingħajr dewmien, billi jsemmu, jekk possibbli, l-identità tal-klijent.

12. Il-Kummissjoni għandha tfassal u taġġorna linji gwida sabiex jassistu lill-operaturi ekonomiċi ħalli jirrikonoxxu u jinnotifikaw tranżazzjonijiet suspettużi. Il-linji gwida ser jinkludu wkoll aġġornamenti regolari għal lista ta' sustanzi addizzjonali mhux inklużi fl-Anness I jew II, li għalihom huwa mħeġġeġ li jsir rappurtar volontarju ta' serq u tranżazzjonijiet suspettużi.

Artikolu 7: Il-protezzjoni tad-data

13. Il-Premessa 11 u l-Artikolu 7 jirrikjedu li l-ipproċessar tad-data personali skont ir-Regolament għandu dejjem isir b'konformità mal-liġijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari, id-Direttiva 95/46/KE ([4]) u l-liġijiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data li jimplimentaw din id-Direttiva. Il-Proposta ma fiha l-ebda dispożizzjoni ulterjuri dwar il-protezzjoni tad-data.

2. **Ħtieġa ta' aktar dispożizzjonijiet speċifiċi li jipproteġu d-data personali b'mod xieraq**

14. Ir-rappurtar ta' serq u tranżazzjonijiet suspettużi u l-iskema tal-għoti tal-liċenzji u r-reġistrazzjoni previsti fir-Regolament jirrikjedu l-ipproċessar tad-data personali. Dawn it-tnejn jimplikaw – fi kwalunkwe każ sa ċertu punt – interferenza mal-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, u għalhekk jirrikjedu salvagwardji adegwati.

15. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Proposta fiha dispożizzjoni separata (Artikolu 7) dwar il-protezzjoni tad-data. Fid-dawl ta' dan, din id-dispożizzjoni unika – u ġenerali ħafna – prevista fil-Proposta mhijiex biżżejjed biex jiġi ttrattat b'mod adegwat it-tħassib relatat mal-protezzjoni tad-data mqajjem mill-miżuri proposti. Minbarra dan, l-Artikoli relevanti tal-Proposta (Artikoli 4, 5 u 6) jonqsu wkoll milli jiddeskrivu f'dettall suffiċjenti l-ispeċifiċitajiet tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data previsti.

16. Biex nispjegaw, fir-rigward tal-għoti tal-liċenzji, ir-Regolament jirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi jżommu rekord tat-tranżazzjonijiet liċenzjati, madankollu, mingħajr ma jispeċifikaw x'tip ta' data personali għandu jkun fihom dawk ir-reġistri, għal kemm żmien għandha tinżamm din id-data, lil min tista' tiġi żvelata u b'liema kundizzjonijiet. Lanqas ma huwa speċifikat x'data ser tinġabar meta jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet għal-liċenzji.

17. Fir-rigward tal-ħtieġa li jiġu rrapportati s-serq u t-tranżazzjonijiet suspettużi, il-Proposta tistabbilixxi ħtieġa ta' rappurtar, madankollu, mingħajr ma tispeċifika x'jikkostitwixxi tranżazzjoni suspettuża, x'data personali għandha tiġi rrapportata, għal kemm żmien għandha tinżamm l-informazzjoni rrapportata, lil min tista' tiġi żvelata u b'liema kundizzjonijiet. Il-Proposta lanqas ma tipprovdi aktar dettalji dwar il-"punti ta' kuntatt nazzjonali" li għandhom jinħatru, jew xi bażi tad-data li tista' tistabbilixxu dawn il-punti ta' kuntatt għall-Istati Membri tagħhom, jew xi bażi tad-data eventwali li tista' tiġi stabbilita fil-livell tal-UE.

18. Mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data, il-ġbir tad-data dwar tranżazzjonijiet suspettużi huwa l-aktar suġġett sensittiv fil-Proposta. Id-dispożizzjonijiet relevanti għandhom jiġu kkjarifikati sabiex ikun żgurat li l-ipproċessar tad-data jibqa' proporzjonat u jiġu evitati l-abbużi. Għal dan il-għan, il-kundizzjonijiet għall-ipproċessar tad-data għandhom jiġu speċifikati b'mod ċar u għandhom jiġu applikati salvagwardji adegwati.

([4]) Iċċitata fin-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

19. Huwa importanti li d-data ma tintużax għal xi skop ieħor għajr il-ġlieda kontra t-terroriżmu (u reat ieħor li jinvolvi l-użu ħażin tas-sustanzi kimiċi għal apparat splussiv magħmul id-dar). Barra minn hekk, id-data ma għandhiex tinżamm għal perjodi twal ta' żmien, speċjalment jekk in-numri ta' riċevituri potenzjali jew attwali kellhom ikunu kbar, u/jew jekk id-data kellha tintuża għall-estrazzjoni tad-data. Dan huwa saħansitra aktar importanti f'dawk il-każi fejn jista' jintwera li s-suspett inizjali kien bla bażi. F'dawk il-każi, jenħtieġ li jkun hemm ġustifikazzjoni speċifika għal żamma aktar fit-tul. Permezz ta' eżempju, il-KEPD isemmi f'dan il-kuntest id-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża ta' S u Marper vs ir-Renju Unit (2008) ([5]), li tgħid li ż-żamma fit-tul tad-DNA tal-persuni mhux misjuba ħatja ta' reat kriminali kienet qiegħda tikser id-dritt tagħhom għall-privatezza skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

20. Għal dawn ir-raġunijiet, il-KEPD jirrakkomanda li l-Artikoli 5, 6 u 7 tal-Proposta għandu jkun fihom dispożizzjonijiet ulterjuri u aktar speċifiċi għall-ittrattar adegwat ta' dan it-tħassib. Hawn taħt ser isiru xi rakkomandazzjonijiet speċifiċi.

21. Barra minn hekk, għandu jitqies jekk jistgħux jitfasslu dispożizzjonijiet speċifiċi u aktar dettaljati f'deċiżjoni implimentattiva tal-Kummissjoni skont l-Artikoli 10, 11 u 12 tal-Proposta għall-indirizzar tal-kwistjonijiet addizzjonali relatati mal-protezzjoni tad-data fil-livell prattiku.

22. Finalment, il-KEPD jirrakkomanda wkoll li l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar it-tranżazzjonijiet suspettużi u dwar id-dettalji tekniċi tal-liċenzji għandhom jinkludu aktar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-ipproċessar tad-data u l-protezzjoni tad-data. Iż-żewġ linji gwida kif ukoll kull deċiżjoni implimentattiva possibbli fil-qasam tal-protezzjoni tad-data għandhom jiġu adottati wara li ssir konsultazzjoni mal-KEPD u – fejn l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali tkun f'riskju – mal-Grupp ta' Ħidma dwar il-protezzjoni tad-data skont l-Artikolu 29. Ir-Regolament innifsu għandu jipprevedi dan b'mod ċar u għandu wkoll jelenka b'mod speċifiku l-kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu ttrattati fil-linji gwida fid-deċiżjoni implimentattiva.

3. Rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-għoti tal-liċenzji u r-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet

3.1. *Rakkomandazzjonijiet għall-Artikolu 5 tal-Proposta*

Perjodu massimu ta' żamma u kategoriji tad-data miġbura

23. Il-KEPD jirrakkomanda li l-Artikolu 5 tar-Regolament għandu jispeċifika perjodu massimu ta' żamma (prima facie, mhux aktar minn sentejn) kif ukoll il-kategoriji tad-data personali li għandha tiġi rreġistrata (mhux aktar mill-isem, in-numru tal-liċenzja u l-oġġetti mixtrija). Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġejjin mill-prinċipju tal-ħtieġa u l-proporzjonalità: il-ġbir u l-konservazzjoni tad-data personali għandhom ikunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-għanijiet segwiti (ara l-Artikolu 6(ċ) u (e) tad-Direttiva 95/46/KE). Jekk dawn l-ispeċifikazzjonijiet jitħallew għal-liġi jew prattika nazzjonali, dan probabbilment iwassal għal inċertezzi bla bżonn u għal trattament mhux ugwali ta' sitwazzjonijiet simili fil-prattika.

Projbizzjoni tal-ġbir ta' "kategoriji speċjali ta' data"

24. Barra minn hekk, l-Artikolu 5 tar-Regolament għandu jipprojbixxi wkoll espressament – b'konnessjoni mal-proċedura tal-għoti tal-liċenzji – il-ġbir u l-ipproċessar ta' "kategoriji speċjali ta' data" (kif definit fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46/KE) bħal, fost l-oħrajn, data personali li tiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku.

25. Dan għandu jgħin biex ikun żgurat li l-applikanti ma jiġux ittrattati b'mod diskriminatorju, pereżempju, fuq il-bażi tar-razza, in-nazzjonalità jew l-affiljazzjoni politika jew reliġjuża tagħhom. F'dan il-kuntest, il-KEPD jenfasizza li l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tad-data huwa wkoll mezz li jikkontribwixxi favur il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u d-diskriminazzjoni, li, min-naħa tagħha, tista' tikkontribwixxi favur il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-ingaġġ fit-terroriżmu.

3.2. *Rakkomandazzjonijiet għal-linji gwida/deċiżjoni implimentattiva*

Data miġbura matul il-proċess tal-għoti tal-liċenzji

26. Ir-Regolament jistabbilixxi li l-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom jiġu rrifjutati jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex titpoġġa f'dubju l-leġittimità tal-intenzjoni tal-użu. F'dan ir-rigward ikun utli jekk il-linji gwida jew id-deċiżjoni implimentattiva jispeċifikaw id-data li tista' tinġabar mill-awtoritajiet tal-liċenzjar b'konnessjoni mal-applikazzjoni għal-liċenzja.

Limitazzjoni tal-iskop

27. Il-linji gwida jew id-deċiżjoni implimentattiva għandhom jistabbilixxu li r-reġistri għandhom jiġu żvelati biss lill-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi li jkunu qegħdin jinvestigaw attivitajiet ta' terroriżmu jew kwalunkwe suspett ieħor ta' abbuż kriminali ta' prekursuri għall-isplussivi. L-informazzjoni ma għandhiex tintuża għal xi skop ieħor (ara l-Artikolu 6(b) tad-Direttiva 95/46/KE).

Informazzjoni lis-suġġetti tad-data dwar ir-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet (u dwar ir-rappurtar ta' tranżazzjonijiet suspettużi)

28. Il-KEPD ikompli jirrakkomanda li l-linji gwida jew id-deċiżjoni implimentattiva għandhom jispeċifikaw li l-awtorità tal-liċenzjar – li hija fl-aħjar pożizzjoni biex tipprovdi tali avviż direttament lis-suġġetti tad-data – għandha tinforma lid-detenturi tal-liċenzji dwar il-fatt li x-xiri tagħhom ser ikun irreġistrat u jista' jkun soġġett għal rappurtar jekk jinstab li huwa "suspettuż" ara l-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 95/46/KE).

([5]) S. u Marper vs ir-Renju Unit (l-4 ta' Diċembru 2008) (Applikazzjonijiet nri. 30562/04 u 30566/04).

4. Rakkomandazzjonijiet fir-rigward tar-rappurtar ta' serq u tranżazzjonijiet suspettużi

4.1. *Rakkomandazzjonijiet għall-Artikolu 6 tal-Proposta*

29. Il-KEPD jirrakkomanda li r-rwol u n-natura tal-punti ta' kuntatt nazzjonali għandhom jiġu kkjarifikati fil-Proposta. Il-Valutazzjoni tal-Impatt, fil-paragrafu 6.33 tirreferi għall-possibbiltà li dawn il-punti ta' kuntatt jistgħu ma jkunux biss "awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi" iżda wkoll "assoċjazzjonijiet". Id-dokumenti leġiżlattivi ma jipprovdux aktar informazzjoni f'dan ir-rigward. B'mod partikolari, dan għandu jiġi kkjarifikat fl-Artikolu 6.2 tal-Proposta. Fil-prinċipju, id-data għandha tinżamm mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi – jekk dan ma jkunx il-każ, ir-raġunijiet għal dan għandhom jiġu ġustifikati b'mod ċar ħafna.

30. Barra minn hekk, l-Artikolu 6 tar-Regolament għandu jispeċifika d-data personali li għandha tiġi rreġistrata (mhux aktar mill-isem, in-numru tal-liċenzja, l-oġġetti mixtrija, u r-raġunijiet li jagħtu lok għal suspett). Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġejjin mill-prinċipju tal-ħtieġa u l-proporzjonalità: il-ġbir tad-data personali għandu jkun limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-għanijiet segwiti (ara l-Artikolu 6(ċ) tad-Direttiva 95/46/KE). F'dan il-kuntest, hemm kunsiderazzjonijiet simili li japplikaw kif espress fil-punt 23.

31. L-Artikolu 6 tar-Regolament għandu jipprojbixxi b'mod espliċitu – b'konnessjoni mal-proċedura ta' rappurtar – il-ġbir u l-ipproċessar ta' "kategoriji speċjali ta' data" (kif definit fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46/KE) bħal, fost l-oħrajn, data personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi u twemmin reliġjuż jew filosofiku (ara wkoll il-punti 24-25).

32. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 6 għandu jistabbilixxi perjodu massimu ta' żamma, billi jqis l-għanijiet tal-ħżin tad-data. Il-KEPD jirrakkomanda li – sakemm is-serq jew tranżazzjoni suspettuża ma tkunx wasslet għal investigazzjoni speċifika u l-investigazzjoni tkun għadha għaddejja – is-serq u t-tranżazzjonijiet suspettużi rrapportati kollha għandhom jitħassru mill-bażi tad-data wara l-iskadenza ta' perjodu speċifikat (prima facie, mhux aktar tard minn sentejn wara d-data tar-rapport). Dan għandu jgħin biex jiġi żgurat li f'każi fejn is-suspett ma jkunx ġie kkonfermat (jew saħansitra investigat aktar), l-individwi innoċenti ma jinżammux fuq il-"lista s-sewda" u "taħt suspett" għal perjodu ta' żmien indebitament twil (ara l-Artikolu 6(e) tad-Direttiva 95/46/KE). Għandhom jiġu evitati diverġenzi wiesgħa żżejjed fuq dan il-punt fil-livell nazzjonali.

33. Din il-limitazzjoni hija meħtieġa wkoll sabiex jiġi żgurat il-prinċipju tal-kwalità tad-data (ara l-Artikolu 6(d) tad-Direttiva 95/46/KE) kif ukoll prinċipji legali importanti oħrajn bħall-preżunzjoni tal-innoċenza. Dan jista' jirriżulta mhux biss f'livell aktar adegwat ta' protezzjoni għall-individwi, iżda fl-istess ħin, għandu jippermetti wkoll li l-infurzar tal-liġi jiffoka b'mod aktar effettiv fuq dawk il-każi aktar serji fejn fl-aħħar mill-aħħar is-suspett aktarx ser jiġi kkonfermat.

4.2. *Rakkomandazzjonijiet għal-linji gwida/deċiżjoni implimentattiva*

Għandhom jiġu definiti l-kriterji għal tranżazzjonijiet suspettużi

34. Liema tranżazzjoni tista' tkun "suspettuża" mhuwiex definit fil-Proposta. Madankollu l-Artikolu 6(6)(a) tal-Proposta jipprevedi li l-Kummissjoni "għandha tfassal u taġġorna l-linji gwida" u għandha tipprovdi informazzjoni fuq "kif tirrikonoxxi u tinnotifika tranżazzjonijiet suspettużi".

35. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Proposta tirrikjedi li l-Kummissjoni tfassal il-linji gwida. Dawn għandhom ikunu ċari u konkreti biżżejjed u jipprevjenu interpretazzjoni wiesgħa żżejjed sabiex jitnaqqsu t-trażmissjonijiet ta' data personali lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u jipprevjenu kull prattika arbitrarja jew diskriminatorja, pereżempju, fuq il-bażi tar-razza, in-nazzjonalità jew l-affiljazzjoni politika jew reliġjuża.

Limitazzjoni tal-iskop, kunfidenzjalità, sigurtà u aċċess

36. Il-linji gwida/regoli implimentattivi għandhom ikomplu jistabbilixxu li l-informazzjoni tinżamm sikura u kunfidenzjali u għandha tiġi żvelata biss lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kompetenti li jinvestigaw attivitajiet terroristiċi jew kwalunkwe suspett ieħor ta' abbuż kriminali minn prekursuri għall-isplussivi. L-informazzjoni ma għandhiex tintuża għal skopijiet oħra, pereżempju, għall-investigazzjoni ta' kwistjonijiet mhux relatati mill-awtoritajiet tat-taxxa jew tal-immigrazzjoni.

37. Il-linji gwida/deċiżjoni implimentattiva għandhom jispeċifikaw ukoll min għandu jkollu aċċess għad-data li tasal għand (jew tinħażen) għand il-punti ta' kuntatt nazzjonali. L-aċċess jew l-iżvelar għandu jkun limitat fuq bażi stretta għal min ikun jeħtieġ xi tagħrif. Għandha titqies ukoll il-pubblikazzjoni ta' lista ta' dawk li possibblment jistgħu jirċivuha.

Id-drittijiet tal-aċċess għas-suġġetti tad-data

38. Il-linji gwida/deċiżjoni implimentattiva għandhom jipprovdu d-drittijiet tal-aċċess għas-suġġetti tad-data, inkluż, fejn xieraq, il-korrezzjoni jew it-tħassir tad-data tagħhom (ara l-Artikoli 12-14 tad-Direttiva 95/46/KE). L-eżistenza ta' dan id-dritt – jew kwalunkwe eċċezzjoni potenzjali skont l-Artikolu 13 – jista' jkollha implikazzjonijiet importanti. Pereżempju, skont ir-regoli ġenerali, is-suġġett tad-data għandu wkoll id-dritt li jkun jaf jekk it-tranżazzjoni tiegħu ġietx irrapportata bħala suspettuża. Madankollu, l-użu (potenzjali) ta' dan id-dritt jista' jipprevjeni lill-bejjiegħ tal-prekursuri għall-isplussivi milli jikkomunika t-tranżazzjonijiet suspettużi tax-xerrej. Għalhekk kwalunkwe eċċezzjoni għandha tkun iġġustifikata b'mod ċar u stabbilita b'mod speċifiku, preferibbilment fir-Regolament, jew fi kwalunkwe każ, fil-linji gwida jew fid-deċiżjoni implimentattiva. Għandu jiġi previst ukoll mekkaniżmu ta' rimedju, li jinvolvi wkoll lill-punti ta' kuntatt nazzjonali.

5. **Kummenti addizzjonali**

Reviżjoni perjodika tal-effettività

39. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Artikolu 16 tal-Proposta jipprovdi għal reviżjoni tar-Regolament (ħames snin wara l-adozzjoni). Tabilħaqq, il-KEPD huwa tal-Opinjoni li kull strument ġdid għandu juri bil-provi f'reviżjonijiet perjodiċi li ser ikompli jikkostitwixxi mezzi effettivi għall-ġlieda kontra t-terroriżmu (u kwalunkwe attività kriminali oħra). Il-KEPD jirrakkomanda li r-Regolament għandu jistabbilixxi speċifikament li matul reviżjoni bħal din għandhom jitqiesu wkoll l-effettività tar-Regolament u l-effetti tiegħu fuq id-drittijiet fundamentali, inkluż il-protezzjoni tad-data.

III. **KONKLUŻJONIJIET**

40. Il-KEPD jirrakkomanda li mal-Proposta jiżdiedu wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi li jittrattaw b'mod xieraq it-tħassib relatat mal-protezzjoni tad-data. Barra minn hekk, il-linji gwida tal-Kummissjoni dwar it-tranżazzjonijiet suspettużi u dwar id-dettalji tekniċi tal-liċenzji – u deċiżjoni implimentattiva eventwali dwar il-protezzjoni tad-data – għandhom jinkludu wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi oħrajn dwar l-ipproċessar tad-data u l-protezzjoni tad-data. Il-linji gwida (u d-deċiżjoni implimentattiva, jekk ikun hemm) għandhom jiġu adottati wara li ssir konsultazzjoni mal-KEPD u – fejn xieraq – l-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma ma' rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fl-Istati Membri.

41. L-Artikolu 5 tar-Regolament għandu jispeċifika perjodu massimu ta' żamma (prima facie, mhux aktar minn sentejn) għat-tranżazzjonijiet irreġistrati, kif ukoll għall-kategoriji ta' data personali li għandha tiġi rreġistrata (mhux aktar mill-isem, in-numru tal-liċenzja u l-oġġetti mixtrija). L-ipproċessar ta' kategoriji ta' data speċjali għandu jiġi pprojbit b'mod espliċitu.

42. Ir-rwol u n-natura tal-punti ta' kuntatt għandhom jiġu kkjarifikati fl-Artikolu 6 tal-Proposta. Din id-dispożizzjoni għandha tispeċifika wkoll perjodu massimu ta' żamma għad-data rrapportata fuq tranżazzjonijiet suspettużi (prima facie, mhux aktar minn sentejn) kif ukoll għad-data personali li għandha tiġi rreġistrata (mhux aktar mill-isem, in-numru tal-liċenzja, l-oġġetti mixtrija u r-raġunijiet li jagħtu lok għas-suspett). L-ipproċessar ta' kategoriji ta' data speċjali għandu jiġi pprojbit b'mod espliċitu.

43. Barra minn hekk, il-linji gwida/deċiżjoni implimentattiva għandhom jispeċifikaw id-data li tista' tinġabar mill-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji b'konnessjoni mal-applikazzjoni tal-liċenzja. Huma għandhom ukoll jillimitaw b'mod ċar l-għanijiet li għalihom tista' tintuża d-data. Għandhom japplikaw ukoll dispożizzjonijiet simili għar-reġistri tat-tranżazzjonijiet suspettużi. Il-linji gwida/deċiżjoni implimentattiva għandhom jispeċifikaw li l-awtorità tal-ħruġ tal-liċenzji għandha tinforma lid-detenturi tal-liċenzji dwar il-fatt li x-xirjiet tagħhom ser jiġu rreġistrati u jistgħu jkunu soġġetti għal rappurtar jekk jinstab li huma "suspettużi". Il-linji gwida/deċiżjoni implimentattiva għandhom jispeċifikaw ukoll min għandu jkollu aċċess għad-data li tasal għand (u tinħażen) mill-punti ta' kuntatt nazzjonali. L-aċċess jew l-iżvelar għandu jkun limitat fuq bażi stretta għal min ikun jeħtieġ xi tagħrif. Huma għandhom jipprovdu wkoll drittijiet xierqa ta' aċċess għas-suġġetti tad-data u jistabbilixxu u jiġġustifikaw b'mod ċar kwalunkwe eċċezzjoni.

44. L-effettività tal-miżuri previsti għandha tiġi riveduta perjodikament, filwaqt li fl-istess ħin għandu jitqies l-impatt tagħhom fuq il-privatezza.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2010.

Peter HUSTINX

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – "L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura"

(2011/C 101/02)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]),

Wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([2]), b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu.

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-22 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni intitolata "L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura" (minn hawn 'il quddiem il-"Komunikazzjoni") ([3]). Il-Komunikazzjoni ntbagħtet lill-KEPD għal konsultazzjoni.

2. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li huwa kien ikkonsultat mill-Kummissjoni. Diġà qabel l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni, il-KEPD ipprovda kummenti informali dwar l-abbozz tat-test, li wħud minnhom tqiesu fil-verżjoni finali tal-Komunikazzjoni.

Il-kuntest tal-Komunikazzjoni

3. L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE (minn hawn 'il quddiem l-ISS), li kienet ittrattata fil-Komunikazzjoni, ġiet adottata fit-23 ta' Frar 2010 taħt il-Presidenza Spanjola ([4]). L-istrateġija tippreżenta mudell Ewropew tas-sigurtà, li jintegra, fost l-oħrajn, l-azzjoni fuq l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-protezzjoni ċivili, b'rispett sħiħ lejn il-valuri Ewropej komuni, bħad-drittijiet fundamentali. L-għanijiet ewlenin tagħha huma li:

— tippreżenta lill-pubbliku l-istrumenti eżistenti tal-UE li diġà qegħdin jgħinu biex jiggarantixxu s-sigurtà u l-libertà taċ-ċittadini tal-UE u l-valur miżjud li l-azzjoni tal-UE tipprovdi f'dan il-qasam;

— tkompli tiżviluppa għodod komuni u linji politiċi li jużaw approċċ aktar integrat li jittratta l-kawżi tan-nuqqas ta' sigurtà u mhux biss l-effetti;

— issaħħaħ l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-protezzjoni ċivili u l-ġestjoni tad-diżastri.

4. L-ISS għandha l-għan li tieħu ħsieb l-aktar theddidiet u sfidi urġenti għas-sigurtà tal-UE, bħall-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu u ċ-ċiberkriminalità, il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE u r-reżistenza tal-bini għad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. L-istrateġija tipprovdi linji gwida, prinċipji u direzzjonijiet ġenerali fuq kif l-UE għandha tirreaġixxi għal dawn il-kwistjonijiet u titlob lill-Kummissjoni tipproponi azzjonijiet f'waqthom sabiex tiġi implimentata l-istrateġija.

5. Barra minn hekk, huwa importanti li f'dan il-kuntest issir referenza għall-Konklużjonijiet riċenti tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni taċ-ċiklu tal-politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali serja u organizzata adottati fit-8-9 ta' Novembru 2010 ([5]) (minn hawn 'il quddiem il-"Konklużjonijiet ta' Novembru 2010"). Dan id-dokument isegwi l-Konklużjoni tal-Kunsill dwar l-Arkitettura tas-Sigurtà Interna tal-2006 ([6]), u jitlob lill-Kunsill u l-Kummissjoni jiddefinixxu ISS komprensiva msejsa fuq il-valuri u l-prinċipji komuni tal-UE kif affermati mill-ġdid fil-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. ([7])

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
([3]) COM(2010) 673 finali.
([4]) Dok. 5842/2/10.

([5]) 3043 laqgħa tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, it-8-10 ta' Novembru 2010, Brussell.
([6]) Dok. 7039/2/06 JAI 86 CATS 34.
([7]) Iċ-ċiklu tal-politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali u organizzata serja indirizzat fil-Konklużjonijiet ta' Novembru 2010 jikkonsisti minn erba' passi: 1) l-iżviluppi tal-politika fuq il-bażi ta' Valutazzjoni mill-Unjoni Ewropea tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (EU SOCTA), 2) l-iffissar tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet permezz tal-identifikazzjoni mill-Kunsill ta' numru limitat ta' prijoritajiet, 3) l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' Pjan ta' Azzjoni Operattiv annwali (PAO) u 4) fl-aħħar taċ-ċiklu tal-politika, evalwazzjoni bir-reqqa li sservi wkoll bħala kontribut għaċ-ċiklu tal-politika fil-ġejjieni.

6. Fost id-direzzjonijiet u l-għanijiet li għandhom imexxu l-implimentazzjoni tal-ISS, il-Konklużjonijiet ta' Novembru 2010 jirreferu għar-riflessjoni fuq approċċ proattiv u mmexxi mill-intelliġenza, il-kooperazzjoni stretta bejn l-aġenziji tal-UE, inkluż it-titjib ulterjuri fl-iskambju tal-informazzjoni tagħhom u l-għan li ċ-ċittadini jsiru konxji mill-importanza tal-ħidma tal-Unjoni biex tipproteġihom. Barra minn hekk, il-Konklużjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni tiżviluppa, flimkien mal-esperti tal-aġenziji rilevanti u l-Istati Membri, Pjan Strateġiku Multi-Annwali (minn hawn 'il quddiem il-MASP) għal kull prijorità, li jiddefinixxi l-aktar strateġija xierqa biex tittratta l-problema. Il-Konklużjonijiet jitolbu wkoll lill-Kummissjoni tiżviluppa, permezz ta' konsultazzjoni mal-esperti tal-Istati Membri u tal-Aġenziji tal-UE, mekkaniżmu indipendenti li jevalwa l-implimentazzjoni tal-MASP. Il-KEPD ser jittratta dawn il-kwistjonijiet aktar tard f'din l-Opinjoni, minħabba li dawn huma relatati mill-qrib jew għandhom impatt sinifikanti fuq il-protezzjoni ta' data personali, il-privatezza u libertajiet u drittijiet fundamentali relatati oħrajn.

Il-kontenut u l-għan tal-Komunikazzjoni

7. Il-Komunikazzjoni tipproponi ħames għanijiet strateġiċi, li lkoll għandhom rabtiet mal-privatezza u l-protezzjoni tad-data:

— l-isfrattar tan-netwerks tal-kriminalità internazzjonali,

— il-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-ittrattar tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ,

— iż-żieda fil-livelli tas-sigurtà għaċ-ċittadini u n-negozji fiċ-ċiberspazju,

— it-tisħiħ tas-sigurtà permezz tal-ġestjoni tal-fruntieri, u

— iż-żieda fir-reżistenza tal-Ewropa għall-kriżijiet u għad-diżastri.

8. L-*ISS fl-Azzjoni*, kif proposta fil-Komunikazzjoni, tippreżenta aġenda komuni għall-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni, il-Kunsill, l-aġenziji u oħrajn, inklużi s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali, u tipproponi kif dawn kollha għandhom jaħdmu flimkien matul l-erba' snin li ġejjin sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-ISS.

9. Il-Komunikazzjoni tibni fuq it-Trattat ta' Lisbona u tirrikonoxxi l-gwida pprovduta mill-Programm ta' Stokkolma (u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu) li fil-Kapitolu 4.1 tenfasizza fuq il-ħtieġa ta' ISS komprensiva li tkun ibbażata fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni internazzjonali u l-istat tad-dritt. Barra minn hekk, skont il-Programm ta' Stokkolma, l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-istrateġija tas-sigurtà interna għandhom isiru wieħed mill-kompiti ta' prijorità tal-Kumitat tas-Sigurtà Interna (COSI) mwaqqaf skont l-Artikolu 71 tat-TFUE. Sabiex jiżgura l-infurzar effettiv tal-ISS, dan għandu jkopri wkoll aspetti ta' sigurtà ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri u, fejn ikun xieraq, il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali rilevanti għall-kooperazzjoni operattiva fil-qasam tas-sigurtà interna. Huwa importanti wkoll li f'dan il-kuntest jissemma li l-Programm ta' Stokkolma jitlob li jittieħed approċċ integrat għall-ISS, li għandu jqis l-istrateġija tas-sigurtà esterna żviluppata mill-UE kif ukoll linji politiċi oħrajn tal-UE, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw is-suq intern.

L-għan tal-Opinjoni

10. Il-Komunikazzjoni tirreferi għal diversi oqsma politiċi li jagħmlu parti mill-kunċett ta' "sigurtà interna" fl-Unjoni Ewropea kif mifhum b'mod wiesa' jew li għandhom impatt fuqu.

11. L-għan ta' din l-Opinjoni mhuwiex li tanalizza l-oqsma politiċi kollha u suġġetti speċifiċi koperti mill-Komunikazzjoni, iżda li:

— tħares lejn l-għanijiet proprji tal-ISS proposti fil-Komunikazzjoni minn perspettiva speċifika tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data, u - minn dak l-angolu - tenfasizza r-rabtiet meħtieġa ma' strateġiji oħrajn li qed jiġu diskussi u adottati bħalissa fil-livell tal-UE;

— tispeċifika għadd ta' ideat u kunċetti dwar il-protezzjoni tad-data li għandhom jitqiesu fit-tfassil, fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-ISS fil-livell tal-UE;

— tipprovdi, fejn ikun utli u xieraq, suġġerimenti dwar l-aħjar mod kif jista' jiġi kkunsidrat it-tħassib relatat mal-protezzjoni tad-data meta jiġu implimentati l-azzjonijiet proposti fil-Komunikazzjoni.

12. Il-KEPD ser jagħmel dan billi jenfasizza b'mod partikolari r-rabtiet bejn l-ISS u l-Istrateġija tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni u l-ħidma fuq il-qafas komprensiv tal-protezzjoni tad-data. Barra minn hekk, il-KEPD jirreferi għal tali kunċetti bħal: L-Aqwa Tekniki Disponibbli u l-"Privatezza skont id-disinn", il-valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data, u d-drittijiet tas-suġġetti tad-data, li għandhom impatt dirett fuq id-disinn u l-implimentazzjoni tal-ISS. L-Opinjoni ser tikkummenta wkoll fuq għadd ta' oqsma politiċi magħżula bħall-ġestjoni integrata tal-fruntieri, inkluż l-EUROSUR u l-ipproċessar ta' data personali mill-FRONTEX, kif ukoll oqsma oħrajn bħaċ-ċiberspazju u t-TFTP.

II. KUMMENTI ĠENERALI

Il-ħtieġa ta' approċċ aktar komprensiv, inklussiv u "strateġiku" għall-istrateġiji tal-UE relatati mal-ISS

13. Bħalissa qegħdin jiġu diskussi u proposti fil-livell tal-UE diversi strateġiji tal-UE bbażati fuq it-Trattat ta' Lisbona u l-programm ta' Stokkolma u li jħallu impatt dirett jew indirett fuq il-protezzjoni tad-data. L-ISS hija waħda minnhom u hija marbuta mill-qrib ma' strateġiji oħrajn (ittrattati fil-Komunikazzjonijiet riċenti tal-Kummissjoni jew inkella previsti għall-futur qrib) bħall-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Informazzjoni u l-Mudell Ewropew tal-Iskambju tal-Informazzjoni, l-istrateġija dwar l-implimentazzjoni tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali, l-istrateġija komprensiva dwar il-protezzjoni tad-data u l-politika tal-UE kontra t-terroriżmu. F'din l-Opinjoni, il-KEPD jagħti attenzjoni partikolari lir-rabtiet mal-Istrateġija tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni u lill-qafas komprensiv tal-protezzjoni tad-data fuq il-bażi tal-Artikolu 16 tat-TFUE, li għandhom l-aktar rabtiet politiċi evidenti mal-ISS mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data.

14. Dawn l-istrateġiji kollha jikkostitwixxu taħlita kumplessa ta' linji gwida politiċi, programmi u pjanijiet ta' azzjoni interrelatati li jitolbu approċċ komprensiv u integrat fil-livell tal-UE.

15. F'termini aktar ġenerali, dan l-approċċ ta' "tagħqid tal-istrateġiji", jekk jiġi implimentat fl-azzjonijiet futuri, juri li hemm viżjoni fil-livell tal-UE f'dak li għandu x'jaqsam mal-*istrateġiji tal-UE* u, li dawn l-istrateġiji, u l-Komunikazzjonijiet adottati dan l-aħħar li jelaboraw fuqhom, huma interkonnessi mill-qrib, kif filfatt huwa l-każ, u li l-Programm ta' Stokkolma huwa l-punt ta' referenza komuni għalihom kollha. Dan jirriżulta wkoll f'sinerġiji pożittivi bejn il-linji politiċi differenti li jaqgħu fi ħdan il-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja u jevita kwalunkwe duplikazzjoni possibbli tax-xogħol u l-isforzi f'dan il-qasam. Bl-istess importanza, dan l-approċċ iwassal ukoll għal applikazzjoni aktar effettiva u koerenti tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data fil-kuntest tal-istrateġiji interkonnessi kollha.

16. Il-KEPD jenfasizza li wieħed mill-pilastri tal-ISS huwa l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni fl-Unjoni Ewropea, li għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità sabiex tiġi ġġustifikata l-ħtieġa tal-iskambju tal-informazzjoni.

17. Barra minn hekk, kif imsemmi fl-opinjoni tal-KEPD fuq il-Komunikazzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Informazzjoni ([8]), il-KEPD jenfasizza li l-miżuri leġiżlattivi ġodda kollha li jiffaċilitaw il-ħżin u l-iskambju ta' data personali għandhom jiġu proposti biss jekk ikunu bbażati fuq evidenza konkreta tal-ħtieġa tagħhom ([9]). Dan ir-rekwiżit legali għandu jiġi ttrasformat f'approċċ ta' politika pro-attiva fl-implimentazzjoni tal-ISS. Il-ħtieġa ta' approċċ komprensiv għall-ISS inevitabbilment twassal ukoll għall-ħtieġa ta' valutazzjoni tal-istrumenti u l-għodod kollha li jeżistu diġà fil-qasam tas-sigurtà interna qabel jiġu proposti oħrajn ġodda.

18. F'dan il-kuntest, il-KEPD jissuġġerixxi wkoll l-użu aktar frekwenti ta' klawsoli li jipprovdu għal evalwazzjoni perjodika tal-istrumenti eżistenti, bħal dawk inklużi fid-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Data li qiegħda tiġi evalwata bħalissa. ([10])

Il-protezzjoni tad-data bħala għan tal-ISS

19. Il-Komunikazzjoni tirreferi għall-protezzjoni ta' data personali fil-paragrafu "Politiki dwar is-sigurtà bbażati fuq valuri komuni", fejn jissemma li l-għodod u l-azzjonijiet li għandhom jintużaw għall-implimentazzjoni tal-ISS għandhom ikunu bbażati fuq valuri komuni li jinkludu l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet fundamentali kif stabbilit fil-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. F'dan il-kuntest, huwa stipulat li "Fejn l-infurzar effiċjenti tal-liġijiet fl-UE hu ffaċilitat permezz ta' skambju ta' informazzjoni, aħna għandna wkoll inħarsu l-privatezza tal-individwi u d-dritt fundamentali tagħhom għall-ħarsien tad-dejta personali."

20. Din id-dikjarazzjoni għandna tintlaqa' b'sodisfazzjon. Madankollu għadu ma jistax jitqies li din id-dikjarazzjoni, bħala tali, qiegħda tittratta biżżejjed il-kwistjoni tal-protezzjoni tad-data fl-ISS. Il-Komunikazzjoni la telabora fuq il-protezzjoni tad-data ([11]) u lanqas tispjega kif ir-rispett għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali ser jiġi assigurat fil-prattika fl-azzjonijiet li jimplimentaw l-ISS.

([8]) Opinjoni tat-30 ta' Settembru 2010 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja.

([9]) Dan huwa rekwiżit legali; ara b'mod partikolari s-Sentenza tal-ECJ fil-Kawżi Konġunti c-92/09 u C-93/09 tat-2 ta' Novembru 2010. F'kuntesti aktar speċifiċi, il-KEPD iddefenda wkoll dan l-approċċ f'opinjonijiet oħrajn dwar il-proposti leġiżlattivi relatati mal-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja: pereżempju l-Opinjoni tad-19 ta' Ottubru 2005 dwar tliet Proposti rigward is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II); l-Opinjoni tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar l-abbozz ta' Proposta għal Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar l-użu tad-data fir-Reġistru bl-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi; l-Opinjoni tat-18 ta' Frar 2009 dwar il-Proposta għal Regolament li jikkonċerna l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru [.../...][li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat]; l-Opinjoni tat-18 ta' Frar 2009 dwar il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat; u l-Opinjoni tas-7 ta' Ottubru 2009 dwar il-proposti rigward l-aċċess tal-infurzar tal-liġi għall-EURODAC.

([10]) Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġġenerata jew ipproċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE, ĠU L 105, 13.4.2006, p. 54.

([11]) Il-protezzjoni tad-data tissemma biss b'mod aktar speċifiku fil-kuntest tal-kwistjoni tal-ipproċessar ta' data personali mill-FRONTEX.

21. Skont il-KEPD, wieħed mill-għanijiet tal-*ISS fl-Azzjoni* għandu jkun *protezzjoni* li tinftiehem b'mod wiesa' u li tiżgura l-bilanċ *xieraq* bejn, min-naħa l-waħda, il-protezzjoni taċ-ċittadini kontra t-theddidiet eżistenti u, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tal-privatezza tagħhom u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. Fi kliem ieħor, it-tħassib relatat mas-sigurtà u mal-privatezza għandu jittieħed bis-serjetà bl-istess mod fl-iżvilupp tal-ISS, li għandha tkun konformi mal-Programm ta' Stokkolma u mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill.

22. Fil-qosor, il-provvediment tas-sigurtà b'rispett sħiħ lejn il-privatezza u l-protezzjoni tad-data għandu jissemma bħala għan prinċipali tal-Istrateġija tal-UE dwar is-Sigurtà Interna. Dan għandu jkun rifless fl-azzjonijiet kollha li jieħdu l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE biex jimplimentaw l-istrateġija.

23. F'dan il-kuntest, il-KEPD jirreferi għall-Komunikazzjoni (2010) 609 dwar approċċ komprensiv fuq il-protezzjoni tad-data personali fl-Unjoni Ewropea. [12] Il-KEPD ser joħroġ dalwaqt opinjoni dwar din il-Komunikazzjoni, iżda hawnhekk jenfasizza li ma tistax tiġi implimentata ISS effiċjenti mingħajr l-appoġġ ta' skema solida ta' protezzjoni tad-data li tikkomplimentaha u tipprovdi fiduċja reċiproka u effettività aħjar.

III. IDEAT U KUNĊETTI APPLIKABBLI GĦAD-DISINN U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISS

24. Jidher ċar li wħud mill-azzjonijiet li jirriżultaw mill-għanijiet tal-ISS jistgħu jżidu r-riskji għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data tal-individwi. Sabiex jipprovdi kontrapiż għal dawn ir-riskji, il-KEPD jixtieq jiġbed l-attenzjoni speċifikament għal tali kunċetti bħall-"Privatezza skont id-disinn", il-valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data, id-drittijiet tas-suġġetti tad-data u l-aqwa tekniki disponibbli (BATs). Dawn għandhom jitqiesu Ilkoll kemm huma fl-implimentazzjoni tal-ISS u jistgħu jikkontribwixxu b'mod utli favur aktar linji politiċi li jkunu orjentati lejn il-protezzjoni tad-data u li ma jikkompromettux il-privatezza f'dan il-qasam.

Il-privatezza skont id-disinn

25. F'diversi okkażjonijiet u opinjonijiet, il-KEPD tkellem favur il-kunċett ta' privatezza "inerenti" ("Privatezza skont id-disinn" jew "Privatezza awtomatika"). Bħalissa dan il-kunċett qiegħed jiġi żviluppat kemm għas-settur privat u kemm għas-settur pubbliku, u għalhekk għandu jkollu wkoll irwol importanti fil-kuntest tas-sigurtà interna tal-UE u fil-qasam tal-pulizija u l-ġustizzja. [13]

26. Il-Komunikazzjoni ma ssemmix dan il-kunċett. Il-KEPD jissuġġerixxi li dan il-kunċett jissemma fl-azzjonijiet immirati li għandhom jiġu proposti u mwettqa għall-implimentazzjoni tal-ISS, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Objettiv 4 "It-tisħiħ tas-sigurtà permezz ta' mmaniġġjar tal-fruntieri" fejn jissemma b'mod ċar l-użu mtejjeb ta' teknoloġiji ġodda fil-kontrolli u fis-sorveljanza tal-fruntieri.

Valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data

27. Il-KEPD jħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrifletti – bħala parti mill-ħidma ġejjiena fuq id-disinn u l-implimentazzjoni tal-ISS ibbażata fuq il-Komunikazzjoni – fuq x'għandna nifhmu b' "valutazzjoni tal-impatt dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data" (PIA) reali fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, u b'mod partikolari fl-ISS.

28. Il-Komunikazzjoni tirreferi għall-valutazzjonijiet tat-theddidiet u r-riskji. Din għandha tintlaqa' b'sodisfazzjon. Madankollu din fl-ebda punt ma tirreferi għall-valutazzjonijiet tal-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Il-KEPD jemmen li l-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar l-ISS tipprovdi opportunità tajba biex telabora tali valutazzjonijiet tal-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data fil-kuntest tas-sigurtà interna. Il-KEPD jinnota li la l-Komunikazzjoni u lanqas il-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt [14] ma jispeċifikaw dan l-aspett u jiżviluppawh f'rekwiżit politiku.

29. Għalhekk il-KEPD jirrakkomanda li fl-implimentazzjoni tal-istrumenti ġejjiena, titwettaq valutazzjoni tal-impatt aktar speċifika u rigoruża fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, jew bħala valutazzjoni separata jew inkella bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt ġenerali tad-drittijiet fundamentali mwettqa mill-Kummissjoni. Din il-valutazzjoni tal-impatt għandha mhux biss issemmi prinċipji ġenerali jew tanalizza l-għażliet tal-politika, kif qiegħed jiġri bħalissa, iżda għandha wkoll tirrakkomanda salvagwardji speċifiċi u konkreti.

30. Għaldaqstant għandhom jiġu żviluppati indikaturi u karatteristiċi speċifiċi sabiex jiġi żgurat li kull proposta li tħalli impatt fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-data fil-qasam tas-Sigurtà Interna tal-UE tkun soġġetta għal kunsiderazzjoni bir-reqqa, inklużi tali aspetti bħall-proporzjonalità, il-ħtieġa u l-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop.

31. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest jista' jkun utli li ssir referenza għall-Artikolu 4 tar-Rakkomandazzjoni RFID [15] li fiha l-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jiżguraw li l-industrija, b'kollaborazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti tas-soċjetà ċivili, tiżviluppa qafas għall-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Barra dan, ir-Riżoluzzjoni ta' Madrid, li ġiet adottata f'Novembru 2009

[12] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ komprensiv fuq il-protezzjoni tad-data fl-Unjoni Ewropea, COM(2010) 609

[13] Fl-opinjoni tiegħu dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Programm ta' Stokkolma, il-KEPD irrakkomanda li għandu jkun hemm obbligu legali għal dawk li jibnu u jużaw is-sistemi ta' informazzjoni biex jiżviluppaw u jagħmlu użu minn sistemi li jkunu konformi mal-prinċipju ta' "Privatezza skont id-disinn".

[14] SEC(2009)92, 15.1.2009.

[15] C(2009) 3200 finali, 12.5.2009.

mill-Konferenza Internazzjonali tal-Kummissarji tal-Privatezza u l-Protezzjoni tad-Data, ħeġġet l-implimentazzjoni tal-PIAs issir qabel l-implimentazzjoni ta' sistemi u teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni għall-ipproċessar ta' data personali jew ta' modifiki sostanzjali fl-ipproċessar eżistenti.

Id-drittijiet tas-suġġetti tad-data

32. Il-KEPD jinnota li l-Komunikazzjoni ma tittrattax b'mod speċifiku l-kwistjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data li jikkostitwixxu element vitali tal-protezzjoni tad-data u li għandhom iħallu impatt fuq id-disinn tal-ISS. Huwa essenzjali li jkun żgurat li fis-sistemi u l-istrumenti differenti kollha li jittrattaw is-sigurtà interna tal-UE, il-persuni soġġetti għalihom igawdu minn drittijiet simili relatati ma' kif tiġi pproċessata d-data personali tagħhom.

33. Ħafna mis-sistemi msemmija fil-Komunikazzjoni jistabbilixxu regoli speċifiċi dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-data (li huma maħsuba wkoll għal tali kategoriji ta' persuni bħal vittmi, kriminali suspettati jew immigranti), iżda hemm ħafna varjazzjoni bejn is-sistemi u l-istrumenti, mingħajr ġustifikazzjoni tajba.

34. Għalhekk il-KEPD jistieden lill-Kummissjoni tħares aktar bir-reqqa lejn il-kwistjoni tal-allinjament tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data fl-UE fil-kuntest tal-ISS u l-Istrateġija tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni fil-futur qrib.

35. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-mekkaniżmi ta' rimedju. L-ISS għandha tiggarantixxi li kull meta d-drittijiet tal-individwi ma jiġux rispettati bis-sħiħ, il-kontrolluri tad-data għandhom jipprovdu proċeduri ta' ilmenti li jkunu aċċessibbli b'mod faċli, effikaċi u bi prezz raġonevoli.

L-Aqwa Tekniki Disponibbli

36. L-implimentazzjoni tal-ISS inevitabbilment tibni fuq l-użu ta' infrastruttura tal-IT li tappoġġa l-azzjonijiet previsti fil-Komunikazzjoni. L-Aqwa Tekniki Disponibbli (BATs) jistgħu jitqiesu bħala li jippermettu l-bilanċ korrett bejn l-issodisfar tal-għanijiet tal-ISS u r-rispett tad-drittijiet tal-individwi. Fil-kuntest preżenti, il-KEPD jixtieq itenni r-rakkomandazzjoni li saret fl-opinjonijiet preċedenti ([16]) rigward il-ħtieġa li l-Kummissjoni tiddefinixxi u tippromwovi, flimkien mal-partijiet interessati tal-industrija, miżuri konkreti għall-applikazzjoni tal-BATs. Tali applikazzjoni tfisser l-aktar stadju effettiv u avvanzat fl-iżvilupp tal-attivitajiet u l-metodi tal-operat tagħhom, li jindikaw l-adattabilità prattika ta' tekniki partikolari li jipprovdu r-riżultati previsti b'mod effikaċi u b'konformità mal-qafas tal-UE dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Dan l-approċċ huwa konformi bis-sħiħ mal-approċċ tal-"privatezza skont id-disinn" imsemmi qabel.

37. Fejn ikun rilevanti u fattibbli, id-dokumenti ta' referenza dwar il-BATs għandhom jiġu elaborati biex jipprovdu gwida u ċertezza legali akbar għall-implimentazzjoni attwali tal-miżuri mfassla mill-ISS. Dan jista' jippromwovi wkoll l-armonizzazzjoni ta' tali miżuri madwar l-Istati Membri differenti. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, id-definizzjoni ta' BATs li jkunu favur il-privatezza u s-sigurtà għandha tiffaċilita r-rwol superviżorju tal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data billi tipprovdilhom referenzi tekniċi konformi mal-privatezza u mal-protezzjoni tad-data adottati mill-kontrolluri tad-data.

38. Il-KEPD jinnota wkoll l-importanza li jkun hemm allinjament korrett tal-ISS mal-attivitajiet diġà mwettqa taħt is-seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-Programm ta' Qafas dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet. Viżjoni konġunta li tfittex li tipprovdi l-BATs għandha tippermetti l-innovazzjoni fl-għarfien u l-kapaċitajiet meħtieġa għall-protezzjoni taċ-ċittadini, filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.

39. Fl-aħħar nett, il-KEPD isemmi r-rwol li jista' jkollha l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) fl-elaborazzjoni tal-linji gwida u l-valutazzjoni tal-kapaċitajiet tas-sigurtà meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-integrità u d-disponibbiltà tas-sistemi tal-IT, u wkoll fil-promozzjoni ta' dawn il-BATs. Fir-rigward ta' dan, il-KEPD jilqa' l-inklużjoni tal-Aġenzija bħala fattur ewlieni fit-titjib tal-kapaċitajiet għat-trattament tal-attakki ċibernetiċi u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità. ([17])

Kjarifika tal-parteċipanti u r-rwoli tagħhom

40. F'dan il-kuntest hemm bżonn ta' aktar kjarifika meta niġu għall-parteċipanti li jifformaw parti minn jew jikkontribwixxu għall-arkitettura tal-ISS. Il-Komunikazzjoni tirreferi għal diversi parteċipanti u partijiet interessati bħaċ-ċittadini, il-ġudikatura, aġenziji tal-UE, awtoritajiet nazzjonali, il-pulizija u n-negozji. Ir-rwoli u l-kompetenzi speċifiċi ta' dawn

([16]) Opinjoni tal-KEPD ta' Lulju 2009 dwar sistemi ta' Trasport Intelliġenti u Opinjoni tal-KEPD ta' Diċembru 2007 dwar il-Komunikazzjoni tal-RFID. Ara wkoll ir-Rapport Annwali 2006 tal-KEPD p.48-49.

([17]) Il-KEPD qiegħed jipprevedi li jadotta opinjoni dwar il-qafas legali tal-ENISA f'Diċembru 2010.

il-parteċipanti għandhom jiġu ttrattati aħjar fl-azzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu proposti fl-implimentazzjoni tal-ISS.

IV. KUMMENTI SPEĊIFIĊI DWAR L-OQSMA POLITIĊI RELATATI MAL-ISS

Il-ġestjoni integrata tal-fruntieri (IBM)

41. Il-Komunikazzjoni tirreferi għall-fatt li bit-Trattat ta' Lisbona, l-UE tinsab f'pożizzjoni aħjar li tisfrutta s-sinerġiji bejn il-linji politiċi dwar il-ġestjoni tal-fruntieri fuq il-persuni u l-prodotti. Fir-rigward tal-moviment tal-persuni, hija ssemmi li "l-UE tista' tittratta l-ġestjoni tal-immigrazzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità bħala għanijiet doppji tal-istrateġija dwar il-ġestjoni tal-fruntieri integrati". Id-dokument jipperċepixxi l-ġestjoni tal-fruntieri bħala mezz potenzjalment b'saħħtu għall-isfrattar tal-kriminalità serja u organizzata. ([18])

42. Il-KEPD jinnota wkoll li l-Komunikazzjoni tidentifika tliet linji strateġiċi: 1) użu mtejjeb ta' teknoloġija ġdida għall-kontrolli fil-fruntieri (l-SIS II, il-VIS, is-sistema tad-dħul jew tal-ħruġ u l-programm ta' reġistrazzjoni tal-vjaġġaturi); 2) użu mtejjeb ta' teknoloġija ġdida għas-sorveljanza tal-fruntieri (Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri, EUROSUR) u 3) koordinazzjoni mtejba tal-Istati Membri permezz tal-FRONTEX.

43. Il-KEPD jixtieq juża l-opportunità ta' din l-Opinjoni biex ifakkar fit-talbiet li huwa għamel f'għadd ta' opinjonijiet preċedenti sabiex tiġi stabbilita, fil-livell tal-UE, politika ċara dwar il-ġestjoni tal-fruntieri li tkun tirrispetta bis-sħiħ ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Il-KEPD jemmen li l-ħidma attwali fuq l-ISS u l-Ġestjoni tal-Informazzjoni huma okkażjonijiet tajbin ħafna biex jittieħdu passi aktar konkreti lejn approċċ ta' politika koerenti għal dawn l-oqsma.

44. Il-KEPD jinnota li l-Komunikazzjoni ma tirreferix biss għas-sistemi eżistenti fuq skala kbira u għal dawk li jistgħu jibdew jitħaddmu fil-futur qrib (bħall-SIS, l-SIS II u l-VIS), iżda - fl-istess linji - anki għal dawk is-sistemi li jistgħu jiġu proposti mill-Kummissjoni fil-ġejjieni, iżda li għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwarhom (jiġifieri l-Programm ta' Reġistrazzjoni tal-Vjaġġaturi (RTP) u s-sistema tad-dħul jew tal-ħruġ). F'dan il-kuntest, ta' min ifakkar li l-għanijiet u l-leġittimità tal-introduzzjoni ta' dawn is-sistemi għadhom iridu jiġu ċċarati u murija, anki fid-dawl tar-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-impatt speċifiċi mwettqa mill-Kummissjoni. Jekk dan ma jseħħx, il-Komunikazzjoni tista' tinqara bħala dokument li jantiċipa l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u għaldaqstant jitqies li din ma tikkunsidrax il-fatt li għadha ma ttieħditx id-deċiżjoni finali dwar jekk l-RTP u s-sistema tad-dħul jew tal-ħruġ għandhomx jiġu introdotti fl-Unjoni Ewropea.

45. Għalhekk il-KEPD jissuġġerixxi li fil-ħidma ġejjiena fuq l-implimentazzjoni tal-ISS, tali antiċipazzjonijiet għandhom jiġu evitati. Kif issemma qabel, kwalunkwe deċiżjoni dwar l-introduzzjoni ta' sistemi ġodda fuq skala kbira li jkunu jinvadu l-privatezza għandha tittieħed biss wara li tkun saret valutazzjoni adegwata tas-sistemi kollha eżistenti, b'attenzjoni xierqa għall-ħtieġa u l-proporzjonalità.

EUROSUR

46. Il-Komunikazzjoni ssemmi li l-Kummissjoni ser tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tistabbilixxi l-EUROSUR fl-2011, bil-għan li tikkontribwixxi favur is-sigurtà interna u l-ġlieda kontra l-kriminalità. Issemma wkoll li l-EUROSUR ser tagħmel użu minn teknoloġiji ġodda żviluppati permezz tal-proġetti u l-attivitajiet ta' riċerka ffinanzjati mill-UE, bħal xbihat bis-satellita biex jikxfu u jintraċċaw il-miri fil-fruntiera marittima, bħal pereżempju l-intraċċar ta' bastimenti veloċi li jittrasportaw id-drogi lejn l-UE.

47. F'dan il-kuntest il-KEPD jinnota li mhuwiex ċar, u jekk iva sa liema punt, il-proposta leġiżlattiva dwar l-EUROSUR li għandha tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni fl-2011 ser tipprevedi wkoll l-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest tal-EUROSUR. Il-Kummissjoni ma ħadet ebda pożizzjoni ċara dwar dan fil-Komunikazzjoni. Din il-kwistjoni hija saħansitra aktar rilevanti meta wieħed iqis li l-Komunikazzjoni tagħmel rabtiet ċari bejn l-EUROSUR u l-FRONTEX f'livell tattiku, operattiv u strateġiku (ara l-kummenti ta' hawn taħt dwar il-FRONTEX) u titlob li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib bejn it-tnejn.

L-ipproċessar ta' data personali mill-FRONTEX

48. Il-KEPD ħareġ opinjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament tal-FRONTEX fis-17 ta' Mejju 2010 ([19]), li fiha huwa talab biex isir dibattitu reali u riflessjoni fil-fond dwar il-kwistjoni tal-protezzjoni tad-data fil-kuntest tat-tisħiħ tal-kompiti eżistenti tal-FRONTEX u l-għoti lilha ta' responsabbiltajiet ġodda.

49. Il-Komunikazzjoni tirreferi għall-ħtieġa li jittejjeb il-kontribut tal-FRONTEX fil-fruntieri esterni skont l-Objettiv 4 *It-tisħiħ tas-sigurtà permezz ta' mmaniġġjar tal-fruntieri*. F'dan il-kuntest, il-Komunikazzjoni ssemmi li, abbażi tal-esperjenza u fil-kuntest tal-approċċ globali tal-UE għall-ġestjoni tal-informazzjoni, il-Kummissjoni tqis li jekk il-FRONTEX titħalla tipproċessa u tuża din l-informazzjoni, b'ambitu limitat u skont ir-regoli definiti b'mod ċar dwar il-ġestjoni tad-data personali, hija tkun qiegħda tagħti kontribut sinifikanti għaż-żarmar ta' organizzazzjonijiet kriminali. Dan

---

([18]) Stqarrija għall-Istampa fuq l-Istrateġija tal-UE dwar is-Sigurtà Interna fl-Azzjoni – ħames passi lejn Ewropa aktar sikura, Memo 10/598

([19]) Opinjoni tal-KEPD tas-17 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX).

huwa approċċ ġdid imqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament tal-FRONTEX, li bħalissa huwa soġġett għal diskussjoni fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill, li baqgħu siekta dwar l-ipproċessar ta' data personali.

50. F'dan l-isfond, il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Komunikazzjoni tipprovdi xi indikazzjoni rigward iċ-ċirkostanzi meta dan l-ipproċessar jista' juri bil-provi li jkun meħtieġ (pereżempju l-analiżi tar-riskji, ir-rendiment aħjar ta' operazzjonijiet konġunti jew l-iskambju ta' informazzjoni mal-Europol). B'mod aktar speċifiku, il-Komunikazzjoni tispjega li, bħalissa, l-informazzjoni dwar il-kriminali involuti fin-netwerks tat-traffikar – li tiltaqa' magħhom il-FRONTEX – ma tistax tkompli tintuża għall-analiżi tar-riskji jew sabiex tkun tista' ssir ġestjoni aħjar tal-operazzjonijiet konġunti fil-futur. Barra minn hekk, id-data rilevanti dwar il-kriminali suspettati ma tasalx għand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew l-Europol għal aktar investigazzjonijiet.

51. Madankollu l-KEPD jinnota li l-Komunikazzjoni ma tirreferix għad-diskussjoni li għaddejja dwar ir-reviżjoni tal-qafas legali tal-FRONTEX li, kif issemma aktar kmieni, qiegħda tittratta din il-kwistjoni sabiex jinstabu soluzzjonijiet leġiżlattivi. Barra dan, il-formulazzjoni tal-Komunikazzjoni li tagħmel enfasi fuq ir-rwol tal-FRONTEX fil-kuntest tal-għan li jitrażżnu l-organizzazzjonijiet kriminali tista' tinftiehem bħala li twessa' l-mandat tal-FRONTEX. Il-KEPD jissuġġerixxi li dan il-punt jitqies sewwa kemm fir-reviżjoni tar-Regolament tal-FRONTEX u kemm fl-implimentazzjoni tal-ISS.

52. Il-KEPD jiġbed ukoll l-attenzjoni għall-ħtieġa li jkun żgurat li ma jkunx hemm duplikazzjoni tal-kompiti bejn l-Europol u l-FRONTEX. F'dak il-kuntest il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Komunikazzjoni ssemmi li d-duplikazzjoni tal-kompiti bejn il-FRONTEX u l-Europol għandha tiġi evitata. Madankollu din il-kwistjoni għandha tiġi ttrattata wkoll b'mod aktar ċar kemm fir-Regolament rivedut tal-FRONTEX u kemm fl-azzjonijiet li jimplimentaw l-ISS, li jipprovdu kooperazzjoni mill-qrib bejn il-FRONTEX u l-EUROPOL. Din għandha importanza partikolari mill-perspettiva tal-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop u tal-kwalità tad-data. Din ir-rimarka tapplika wkoll għall-kooperazzjoni futura ma' tali aġenziji bħall-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) jew l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil.

L-użu tal-bijometrika

53. Il-Komunikazzjoni ma tittrattax b'mod speċifiku l-fenomenu attwali tal-użu miżjud tad-data dwar il-bijometrika fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, inklużi s-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE u għodod oħrajn għall-ġestjoni tal-fruntieri.

54. Għalhekk il-KEPD jieħu din l-opportunità biex ifakkar is-suġġeriment tiegħu ([20]) li din il-kwistjoni ta' sensittività għolja mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data għandha titqies bis-serjetà fl-implimentazzjoni tal-ISS, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ġestjoni tal-fruntieri.

55. Il-KEPD jirrakkomanda wkoll li tiġi żviluppata politika ċara u stretta dwar l-użu tal-bijometrika fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fuq il-bażi ta' evalwazzjoni serja u valutazzjoni ta' każ b'każ tal-ħtieġa għall-użu tal-bijometrika fil-kuntest tal-ISS, b'rispett sħiħ għal tali prinċipji fundamentali tal-protezzjoni tad-data bħall-proporzjonalità, il-ħtieġa u l-limitazzjoni tal-iskop.

It-TFTP

56. Il-Komunikazzjoni tħabbar li, fl-2011, il-Kummissjoni ser tiżviluppa politika għall-UE biex testratta u tanalizza d-data dwar messaġġi finanzjarji miżmuma fit-territorju tagħha. F'dan il-kuntest il-KEPD jirreferi għall-Opinjoni tiegħu tat-22 ta' Ġunju 2010 dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' Data dwar Messaġġi Finanzjarji mill-UE lill-Istati Uniti għall-finijiet tal-Programm għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP II) ([21]). Ir-rimarki kritiċi kollha espressi f'dik l-Opinjoni huma ugwalment validi u applikabbli fil-kuntest tal-ħidma prevista fuq qafas tal-UE dwar id-data dwar messaġġi finanzjarji. Għalhekk dawn għandhom jitqiesu fid-diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-proporzjonalità tal-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' volumi kbar ta' data fuq persuni li mhumiex suspettati, u għall-kwistjoni tas-sorveljanza effettiva minn awtoritajiet indipendenti u mill-ġudikatura.

Is-sigurtà għaċ-ċittadini u n-negozji fiċ-ċiberspazju

57. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon l-importanza mogħtija fil-Komunikazzjoni lill-azzjonijiet preventivi fil-livell tal-UE, u huwa tal-opinjoni li t-tisħiħ tas-sigurtà fin-netwerks tal-IT huwa fattur essenzjali li jikkontribwixxi għal soċjetà tal-informazzjoni li tiffunzjona tajjeb. Barra minn hekk, il-KEPD jappoġġja l-attivitajiet speċifiċi li jtejbu l-kapaċitajiet tat-trattament tal-attakki ċibernetiċi, jibnu l-kapaċitajiet fil-korpi ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi, u joħolqu sħubiji mal-industrija sabiex tingħata setgħa liċ-ċittadini u n-negozji. Minbarra dan, ir-rwol tal-ENISA bħala faċilitatur ta' ħafna mill-azzjonijiet previsti f'dan l-għan huwa milqugħ b'sodisfazzjon ukoll.

([20]) Ara b'mod partikolari l-Opinjoni tal-KEPD fuq il-Komunikazzjoni dwar il-ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni tal-informazzjoni fl-AFSJ imsemmi fin-nota 8 f'qiegħ il-paġna.

([21]) Opinjoni tal-KEPD tat-22 ta' Ġunju 2010 dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjonijiet tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' Data dwar Messaġġi Finanzjarji mill-Unjoni Ewropea lill-Istati Uniti għall-finijiet tal-Programm għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP II).

58. Madankollu l-*ISS fl-Azzjoni* ma telaborax fuq l-azzjonijiet tal-infurzar tal-liġi previsti fiċ-ċiberspazju, dwar kif dawn l-attivitajiet jistgħu jpoġġu d-drittijiet individwali f'riskju u fuq x'għandhom ikunu s-salvagwardji meħtieġa. Il-KEPD jitlob għal approċċ aktar ambizzjuż fuq il-garanziji xierqa; dan l-approċċ għandu jiġi stabbilit biex jipproteġi d-drittijiet fundamentali tal-individwi kollha, inklużi dawk li jistgħu jiġu affettwati minn azzjonijiet imfassla biex jeħduha kontra kull attività kriminali possibbli f'dan il-qasam.

V. **KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

59. Il-KEPD jitlob għall-konnessjoni tad-diversi strateġiji tal-UE u l-Komunikazzjonijiet fil-proċess tal-implimentazzjoni tal-ISS. Dan l-approċċ għandu jkun segwit minn pjan ta' azzjoni konkret appoġġat minn valutazzjoni reali tal-ħtiġijiet, li r-riżultat tagħha għandu jkun politika tal-UE komprensiva, integrata u strutturata tajjeb dwar l-ISS.

60. Il-KEPD jieħu wkoll l-opportunità biex jagħmel enfasi fuq l-importanza tal-ħtieġa legali ta' valutazzjoni reali tal-istrumenti eżistenti kollha li għandhom jintużaw fil-kuntest tal-ISS u l-iskambju tal-informazzjoni qabel jiġu proposti oħrajn ġodda. F'dan il-kuntest, huwa rakkomandat ħafna li jiġu inklużi dispożizzjonijiet li jirrikjedu valutazzjonijiet regolari tal-effiċjenza tal-istrumenti rilevanti.

61. Il-KEPD jissuġġerixxi li fit-tħejjija tal-Pjan Strateġiku Multi-Annwali mitlub mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2010 għandha titqies ukoll il- kont tal-ħidma kontinwa fuq il-qafas komprensiv tal-protezzjoni tad-data fuq il-bażi tal-Artikolu 16 tat-TFUE, b'mod partikolari l-Komunikazzjoni (2009) 609.

62. Il-KEPD jagħmel għadd ta' suġġerimenti fuq ideat u kunċetti rilevanti mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data, li għandhom jitqiesu fil-qasam tal-ISS, bħall-Privatezza skont id-disinn, il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Privatezza u l-Protezzjoni tad-Data u l-Aqwa Tekniki Disponibbli.

63. Il-KEPD jirrakkomanda li fl-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-ġejjieni, għandha ssir valutazzjoni tal-impatt fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, bħala valutazzjoni separata jew inkella bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet fundamentali ġenerali mwettqa mill-Kummissjoni.

64. Huwa jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiżviluppa politika aktar koerenti u konsistenti fuq il-prerekwiżiti għall-użu tal-bijometrika fil-qasam tal-ISS, u aktar allinjament fil-livell tal-UE f'termini tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data.

65. Fl-aħħar nett, il-KEPD jagħmel għadd ta' kummenti dwar l-ipproċessar tad-data personali fil-kuntest tal-ġestjoni fil-fruntieri u b'mod partikolari minn FRONTEX u possibbilment fil-kuntest tal-EUROSUR.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2010.

Peter HUSTINX

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta Emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru (…/…) (li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat)

(2011/C 101/03)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]),

Wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([2]),

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-11 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta Emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru (…/…) (li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat) ("il-Proposta") ([3]). Fl-istess jum, il-Proposta kif adottata mill-Kummissjoni ntbagħtet lill-KEPD għal konsultazzjoni skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Il-KEPD jilqa' l-fatt li huwa kkonsultat mill-Kummissjoni u qiegħed jitlob biex ir-referenza għal din il-konsultazzjoni ssir fil-premessi tal-Proposta.

2. L-EURODAC ġie stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 2725/2000 dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin ([4]). F'Diċembru 2008, il-Kummissjoni adottat proposta mfassla mill-ġdid għall-emendar tar-Regolament Eurodac ([5]) (minn hawn 'il quddiem il-proposta ta' Diċembru 2008). Il-KEPD ikkummenta dwar dik il-proposta f'opinjoni ta' Frar 2009 ([6]).

3. Il-proposta ta' Diċembru 2008 tfasslet biex tiżgura appoġġ aktar effiċjenti għall-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin u biex it-tħassib relatat mal-protezzjoni tad-data jiġi indirizzat b'mod xieraq. Din il-proposta allinjat ukoll il-qafas tal-ġestjoni tal-IT ma' dak tar-Regolamenti tal-SIS II u tal-VIS billi pprovdiet sabiex tieħu l-kompiti tal-ġestjoni operattiva għal Eurodac mill-Aġenzija futura għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja ([7]) (minn hawn 'il quddiem: l-Aġenzija tal-IT) ([8]).

4. F'Settembru 2009, il-Kummissjoni mbagħad adottat proposta emendata, li fiha introduċiet il-possibbiltà għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol li jkollhom aċċess għad-database ċentrali tal-Eurodac għall-finijiet ta' prevenzjoni, ir-rintraċċar u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u reati kriminali serji oħrajn.

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

([3]) COM(2010) 555 finali.

([4]) ĠU L 62, 5.3.2002, p. 1.

([5]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru (…/…) (li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat), COM(2008) 825 finali.

([6]) Opinjoni tat-18 ta' Frar 2009 dwar il-Proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru (…/…) (li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat) (COM(2008) 825), ĠU C 229, 23.9.2009, p. 6.

([7]) Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (COM(2009) 293 finali) ġiet adottata fl-24 ta' Ġunju 2009. Fid-19 ta' Marzu 2010 ġiet adottata proposta emendata: Proposta emendata għal Regolament (UE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Aġenzija għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, COM(2010) 93.

([8]) Il-KEPD ħareġ opinjoni dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija tal-IT (Opinjoni tas-7 ta' Diċembru 2009 dwar il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi Aġenzija għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, u dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti lill-Aġenzija funzjonijiet dwar il-ġestjoni operattiva tal-SIS II u l-VIS fl-applikazzjoni tat-Titolu VI tat-Trattat tal-UE, ĠU C 70, 19.3.2010, p. 13.

5. B'mod partikolari, il-proposta introduċiet klawsola li tgħaqqad sabiex tippermetti aċċess għal finijiet ta' infurzar tal-liġi kif ukoll id-dispożizzjonijiet ta' akkumpanjament meħtieġa u emendat il-proposta ta' Diċembru 2008. Din ġiet ippreżentata fl-istess waqt bħala Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar talbiet għat-tqabbil mad-data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għal finijiet ta' infurzar tal-liġi [1] (minn hawn 'il quddiem: id-Deċiżjoni tal-Kunsill), li tispjega l-modalitajiet eżatti ta' tali aċċess. F'Diċembru 2009, il-KEPD ħareġ opinjoni dwar din il-proposta [2].

6. Mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u l-abolizzjoni tas-sistema tal-pilastri, il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill skadiet; din kellha tiġi rrevokata formalment u tiġi ssostitwita minn proposta ġdida li tikkunsidra l-qafas il-ġdid tat-TFUE.

7. Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-Proposta jgħid li, bil-għan li jinkiseb progress fin-negozjati dwar il-pakkett tal-asil [3] u l-iffaċilitar tal-konklużjoni ta' ftehim dwar ir-Regolament dwar il-Eurodac, il-Kummissjoni tqis li jkun aktar xieraq li tneħħi dawk id-dispożizzjonijiet li jirreferu għal aċċess għal finijiet ta' infurzar tal-liġi mir-Regolament dwar il-Eurodac.

8. Il-Kummissjoni tqis ukoll li t-tneħħija ta' dik il-parti (pjuttost kontroversjali) tal-proposta u li b'hekk tippermetti l-adozzjoni b'aktar ħeffa tar-Regolament il-ġdid dwar l-Eurodac għandha tiffaċilita wkoll it-twaqqif f'waqtu tal-Aġenzija għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, billi huwa ppjanat li dik l-Aġenzija tkun responsabbli wkoll mill-ġestjoni tal-Eurodac.

9. Bħala konsegwenza, filwaqt li l-proposta emendata preżenti tintroduċi żewġ dispożizzjonijiet tekniċi, l-għan ewlieni tagħha huwa li temenda l-proposta preċedenti (jiġifieri minn Settembru 2009) billi minnha tħassar l-għażla ta' aċċess għal finijiet ta' infurzar tal-liġi. Għalhekk, ma kienx meqjus bħala meħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-impatt ġdida speċifikament għall-proposta preżenti.

(1) COM(2009) 344.

(2) Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru (…/…) (li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat), u dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar talbiet għat-tqabbil mad-data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għal finijiet ta' infurzar tal-liġi, ĠU C 92, 10.4.2010, p. 1.

(3) Il-"pakkett tal-asil" għandu l-għan li jtejjeb il-mod kif taħdem is-sistema tal-asil tal-UE u jsaħħaħ id-drittijiet tal-persuni li jkunu qegħdin ifittxu l-asil. Huwa fih emendi għad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza (Reception Conditions Directive — RCD), ir-Regolament ta' Dublin u l-Eurodac. Huwa jipprevedi wkoll il-ħolqien ta' Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) akkumpanjat minn deċiżjoni li tiffaċilita l-finanzjament tal-EASO permezz tat-tqassim mill-ġdid ta' whud mill-fondi li attwalment huma allokati għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati.

II. FOKUS TAL-OPINJONI TAL-KEPD

10. Il-KEPD diġà kkontribwixxa diversi opinjonijiet f'dan il-qasam, kif imsemmi hawn fuq. L-għan tal-opinjoni preżenti huwa li tirrakkomanda titjib fil-proposta; dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma bbażati jew fuq żviluppi ġodda jew inkella fuq rakkomandazzjonijiet li saru fil-passat u li għadhom ma ġewx attwati, f'sitwazzjonijiet fejn il-KEPD isib li l-argumenti tiegħu ma ġewx issodisfati b'mod adegwat jew li dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma appoġġjati minn argumenti ġodda.

11. L-opinjoni preżenti sejra tiffoka fuq il-punti li ġejjin:

— it-tneħħija tad-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-Eurodac,

— il-pożizzjoni tal-individwu li l-marki tas-swaba' tiegħu ma jistgħux jintużaw,

— l-informazzjoni tas-suġġett tad-data,

— l-użu tal-aqwa tekniki disponibbli bħala mezz għall-implimentazzjoni tal-"Privatezza skont id-Disinn",

— il-konsegwenzi tas-sottokuntrattar (parti minn) tal-iżvilupp jew il-ġestjoni tas-sistema lil parti terza.

III. IT-TNEĦĦIJA TAD-DISPOŻIZZJONIJIET DWAR L-AĊĊESS GĦALL-INFURZAR TAL-LIĠI

12. Il-KEPD jilqa' l-fatt li l-possibbiltà li l-infurzar tal-liġi jingħata aċċess għall-Eurodac tħalliet barra mill-proposta attwali. Fil-fatt, filwaqt li l-KEPD ma jikkontestax li l-gvernijiet jeħtieġu strumenti adatti biex jiggarantixxu s-sigurtà taċ-ċittadin, huwa kien esprima dubji serji rigward il-leġittimità ta' din il-proposta, abbażi tal-kunsiderazzjonijiet li ġejjin.

13. Il-miżuri li jikkumbattu r-reati terroristiċi u reati serji oħrajn jistgħu jkunu bażi leġittima biex jiġi permess l-ipproċessar ta' data personali – anki jekk inkompatibbli mal-għanijiet li għalihom inġabret id-data oriġinarjament – diment li l-ħtieġa tal-intrużjoni tkun appoġġjata minn elementi ċari u li ma jistgħux jiġu miċħuda, u tintwera l-proporzjonalità tal-ipproċessar. Dan huwa aktar meħtieġ billi l-proposti jikkonċernaw grupp ta' persuni vulnerabbli li jeħtieġu protezzjoni ogħla minħabba li jaħarbu mill-persekuzzjoni. Il-pożizzjoni prekarja tagħhom għandha tiġi kkunsidrata fil-valutazzjoni tal-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-azzjoni proposta. Il-KEPD enfasizza, b'mod aktar konkret, li l-ħtieġa għandha tiġi ppruvata mit-turija ta' evidenza sostanzjali ta' rabta bejn l-applikanti tal-asil u t-terroriżmu u/jew kriminalità serja. Dan ma sarx fil-proposti.

14. Fuq livell aktar ġenerali, il-KEPD tkellem favur il-ħtieġa għal valutazzjoni tal-istrumenti kollha eżistenti dwar l-iskambju ta' informazzjoni qabel jiġu proposti oħrajn ġodda f'għadd numeruż ta' opinjonijiet u kummenti, u b'enfasi partikolari fl-opinjonijiet reċenti fuq id-"Deskrizzjoni ġenerali tal-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja" ([1]) u dwar "il-Politika tal-UE Kontra t-Terroriżmu: il-kisbiet ewlenin u l-isfidi tal-futur" ([2]).

15. Tabilħaqq, il-valutazzjoni tal-effettività tal-miżuri eżistenti filwaqt li jiġi kkunsidrat l-impatt fuq il-privatezza tal-miżuri previsti ġodda hija kruċjali u għandha tingħata rwol importanti fl-azzjoni tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam, b'konformità mal-approċċ imressaq mill-Programm ta' Stokkolma. F'dan il-każ, għandha pereżempju tingħata attenzjoni speċjali għall-implimentazzjoni tal-iskambju tad-data skont il-mekkaniżmu ta' Prüm. L-iskambju tal-marki tas-swaba' huwa previst f'dan il-kuntest, u għandu jintwera li s-sistema għandha insuffiċjenzi severi li jiġġustifikaw l-aċċess għal database bħall-Eurodac.

16. Finalment, f'dawn l-opinjonijiet bħal f'ħafna oħrajn qabel, il-KEPD jirrakkomanda li tingħata attenzjoni speċjali lil dawk il-proposti li jirriżultaw f'ġabriet ta' data personali ta' kategoriji wiesa' ta' ċittadini, minflok ta' persuni suspettati biss. Għandhom jingħataw ukoll kunsiderazzjoni u ġustifikazzjoni speċifiċi lil dawk il-każijiet fejn l-ipproċessar tad-data personali huwa previst għal għanijiet għajr dawk li għalihom kienet tinġabar id-data fil-bidu, bħal fl-Eurodac.

17. Bħala konklużjoni, il-KEPD jilqa' t-tħassir ta' dan l-element mill-proposta attwali.

IV. IL-POŻIZZJONI TA' INDIVIDWI LI MA JISTGĦUX JIRREĠISTRAW

18. Il-ġbir u l-ipproċessar ulterjuri tal-marki tas-swaba' jokkupaw naturalment post ċentrali fis-sistema tal-Eurodac. Għandu jiġi enfasizzat li l-ipproċessar ta' data bijometrika bħall-marki tas-swaba' joħloq sfidi speċifiċi u riskji li għandhom jiġu indirizzati. Fil-kuntest tal-Proposta, il-KEPD irid li jenfasizza b'mod speċifiku l-problema tal-hekk imsejjaħ "nuqqas ta' reġistrazzjoni" – is-sitwazzjoni li ssib ruħha fiha persuna jekk għal xi raġuni jew oħra l-marki tas-swaba' tagħha ma jkunux jistgħu jintużaw.

19. In-nuqqas ta' reġistrazzjoni jista' jseħħ meta l-individwi jagħmlu ħsara temporanja jew permanenti fil-marki tas-swaba' tagħhom jew f'idejhom. Dan jista' jkun minħabba diversi fatturi, bħal mard, diżabilità, feriti u ħruq. F'xi każijiet, dan jista' jkun ukoll marbut mal-etniċità jew l-okkupazzjoni. B'mod partikolari, jidher li numru mhux żgħir ta' ħaddiema fl-oqsma tal-agrikoltura u l-kostruzzjoni għandhom marki tas-swaba' danneġġjati sal-punt li ma jistgħux jinqraw. F'każijiet oħrajn, fejn il-frekwenza tagħhom hija diffiċli li tiġi evalwata, jista' jkun li r-refuġjati jagħmlu ħsara f'ġisimhom stess, sabiex jevitaw li jitteħdulhom il-marki tas-swaba'.

20. Il-KEPD jirrikonoxxi li jista' jkun diffiċli li ssir distinzjoni bejn dawk iċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu għamlu ħsara volontarja fil-marki tas-swaba' tagħhom sabiex jiffrustraw il-proċess tal-identifikazzjoni minn dawk li l-marki tas-swaba' tagħhom ma jkunux jistgħu jiġu identifikati ġenwinament.

21. Madankollu, huwa estremament importanti li jiġi żgurat li n-"nuqqas ta' reġistrazzjoni" waħdu ma jwassalx għal ċaħda tad-drittijiet għal dawk li jkunu qegħdin ifittxu l-asil. Pereżempju, ma jkunx aċċettabbli li n-nuqqas ta' reġistrazzjoni jiġi interpretat b'mod sistematiku bħala tentattiv ta' frodi u jwassal għal rifjut ta' eżaminazzjoni ta' applikazzjoni ta' asil jew irtirar ta' assistenza għal min ikun qiegħed ifittex l-asil. Jekk dan ikun il-każ, ikun ifisser li l-possibbiltà li jittieħdu l-marki tas-swaba' tkun waħda mill-kriterji sabiex jiġi rikonoxxut l-istatus tal-persuna li tkun qiegħda tfittex l-asil. L-għan tal-Eurodac huwa li jiffaċilita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Dublin, u mhux li jżid kriterju ("li jkollok marki tas-swaba' li jistgħu jintużaw") għall-għoti ta' status ta' persuna li qiegħda tfittex l-asil. Dan jikkaġuna ksur tal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, u mill-inqas tal-ispirtu tad-dritt għall-asil.

22. Fl-aħħar nett, il-KEPD jinsisti wkoll li l-proposta preżenti għandha tkun konsistenti mad-direttivi l-oħrajn rilevanti f'dan il-qasam. B'mod partikolari, id-"Direttiva dwar il-Kwalifiki" tinsisti li kull applikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata fuq il-merti tagħha, u ċertament ma ssemmix in-nuqqas ta' possibbiltà ta' reġistrazzjoni bħala kriterju għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni għall-asil ([3]).

23. Il-proposta attwali diġà tipprevedi parzjalment in-nuqqas ta' reġistrazzjoni fl-Artikolu 6.1 u 6.2 tagħha ([4]).

([1]) Opinjoni tal-KEPD tat-30 ta' Settembru 2010 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill — "Deskrizzjoni ġenerali tal-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja", disponibbli fuq il-websajt.

([2]) Opinjoni tal-KEPD tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-Politika tal-UE Kontra t-Terroriżmu: il-kisbiet ewlenin u l-isfidi tal-futur, disponibbli fuq il-websajt.

([3]) Ara b'mod partikolari l-Artikolu 4 (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, ĠU L 304, 30.9.2004, p. 12.

([4]) "1. Meta l-kundizzjoni tal-marki tas-swaba' ma tippermettix li l-marki tas-swaba' jittieħdu fi kwalità li tiżgura li jsir tqabbil xieraq skont l-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament, l-Istat Membru tal-oriġini għandu jerġa' jieħu l-marki tas-swaba' tal-applikant u jerġa' jibgħathom mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu ttieħdu b'suċċess."

"2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, meta ma jkunx possibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' applikant fuq il-bażi tal-miżuri meħuda biex jiżguraw is-saħħa tal-applikant jew il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istati Membri għandhom jieħdu u jibagħtu l-marki tas-swaba' tal-applikant mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li dawn ir-raġunijiet ma jibqgħux validi".

24. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet jipprevedu biss l-ipotesi ta' nuqqas temporanju ta' reġistrazzjoni, filwaqt li f'numru sinjifikanti ta' każijiet, dan in-nuqqas ta' possibbiltà sejjer ikun permanenti. L-Artikolu 1 tar-Regolament li jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni [1] jipprevedi għal tali każijiet u jistipula li: "(…) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu implimentati proċeduri xierqa li jiggarantixxu d-dinjità tal-applikant f'każ li jkun hemm diffikultajiet għar-reġistrazzjoni. Il-fatt li t-teħid tal-marki tas-swaba' huwa fiżikament impossibbli ma għandux jinfluwenza l-għoti jew iċ-ċaħda ta' viża."

25. Sabiex jilqa' għal dawn il-każijiet fil-kuntest tal-Eurodac, il-KEPD jirrakkomanda li mal-Artikolu 6 tiżdied dispożizzjoni ispirata minn dan, flimkien ma' din il-linja: "L-impossibbiltà temporanja jew permanenti li jiġu pprovduti marki tas-swaba' li jkunu jistgħu jintużaw ma għandhiex taffettwa b'mod negattiv is-sitwazzjoni legali tal-individwu. Fi kwalunkwe każ, hija ma tistax tirrappreżenta biżżejjed raġunijiet għar-rifjut tal-eżaminazzjoni jew għaċ-ċaħda ta' applikazzjoni għall-asil".

V. ID-DRITT TAL-INFORMAZZJONI LIS-SUĠĠETT TAD-DATA

26. Il-KEPD jinnota li l-implimentazzjoni effettiva tad-dritt għall-informazzjoni hija kruċjali għall-funzjonament xieraq tal-Eurodac. B'mod partikolari, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-informazzjoni tiġi pprovduta b'tali mod li l-persuna li tkun qiegħda tfittex l-asil tkun tista' tifhem b'mod sħiħ is-sitwazzjoni tagħha kif ukoll il-firxa tad-drittijiet tagħha, inklużi l-passi proċedurali li tista' tieħu bħala segwitu għad-deċiżjonijiet amministrattivi meħuda fil-każ tagħha. Il-KEPD ifakkar ukoll li d-dritt tal-aċċess huwa prinċipju bażiku tal-protezzjoni tad-data, kif imsemmi b'mod partikolari fl-Artikolu 8 tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali.

27. Il-KEPD kien diġà enfasizza dan il-punt fl-opinjoni preċedenti tiegħu dwar il-Eurodac. Billi l-modifika proposta ma ġietx aċċettata, il-KEPD irid jenfasizza l-importanza ta' din il-kwistjoni.

28. L-Artikolu 24 tal-Proposta jaqra kif ġej:

"Persuna koperta minn dan ir-Regolament għandha tiġi informata mill-Istat Membru ta' oriġini bil-miktub, u fejn xieraq, bil-fomm, b'lingwa li hu jew hi jifhmuha jew li tkun tista' ssir assunzjoni raġonevoli li jifhmuha, dwar dan li ġej:

(…)

(e) l-eżistenza tad-dritt ta' aċċess għal data dwaru/dwarha, u d-dritt li titlob li d-data mhux preċiża dwaru/dwarha tiġi kkoreġuta jew li d-data dwarhom ipproċessata kontra l-liġi tithassar, kif ukoll id-dritt li jirċievu informazzjoni dwar il-proċeduri għall-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet, fosthom id-dettalji ta' kuntatt tal-kontrollur u l-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Sorveljanza msemmija fl-Artikolu 25(1)."

29. Il-KEPD jissuġġerixxi li l-kliem tal-Artikolu 24 għandu jiġi fformulat mill-ġdid sabiex jiġu kkjarifikati d-drittijiet li għandhom jingħataw lill-applikant. Il-formulazzjoni kif proposta mhijiex ċara, minħabba li tista' tiġi interpretata bħala li tikkunsidra 'd-dritt li jirċievu informazzjoni dwar il-proċeduri sabiex jeżerċitaw dawk id-drittijiet (…)' minbarra d-dritt tal-aċċess għad-data u/jew id-dritt li jintalab li d-data li ma tkunx preċiża tiġi kkoreġuta (…). Barra minn hekk, skont il-formulazzjoni attwali tad-dispożizzjoni msemmija hawn fuq, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-persuna koperta mir-Regolament mhux dwar il-kontenut tad-drittijiet iżda dwar l-'eżistenza' tagħhom. Billi din tal-aħħar tidher li hija biss kwistjoni stilistika, il-KEPD jissuġġerixxi li l-Artikolu 24 jiġi abbozzat mill-ġdid kif ġej: "Persuna koperta minn dan ir-Regolament għandha tiġi informata mill-Istat Membru ta' oriġini (…) dwar (…)(g) id-dritt ta' aċċess għad-data relatata miegħu/magħha, u d-dritt li titlob li d-data mhux preċiża relatata miegħu/magħha tiġi kkoreġuta jew li d-data pproċessata illegalment dwaru/dwarha titħassar".

VI. L-AQWA TEKNIKI DISPONIBBLI

30. L-Artikolu 4(1) tal-Proposta jistipula: "Wara perjodu ta' tranżizzjoni, Awtorità tat-Tmexxija, sponsorizzata mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għandha tkun responsabbli għat-tmexxija operattiva tal-Eurodac. L-Awtorità tat-Tmexxija għandha tassigura, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, li f'kull ħin l-aħjar teknoloġija disponibbli, soġġetta għal analiżi ta' spiża-benefiċċjutiġi użata għas-Sistema Ċentrali". Għalkemm il-KEPD jilqa' r-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 4(1), huwa jixtieq jinnota li l-espressjoni "l-aqwa teknoloġija disponibbli" msemmija fid-dispożizzjoni msemmija hawn fuq, għandha tiġi sostitwita mill-formulazzjoni "l-aqwa tekniki disponibbli" li tinkludi kemm it-teknoloġija użata kif ukoll il-mod li bih tiġi ddisinjata, mibnija, miżmuma u mħaddma l-installazzjoni.

31. Dan huwa importanti minħabba li l-kunċett ta' "l-aqwa tekniki disponibbli" huwa usa' u jkopri diversi aspetti li jikkontribwixxu għall-applikazzjoni tal-"Privatezza skont id-Disinn", li hija meqjusa bħala prinċipju ewlieni fir-reviżjoni tal-qafas legali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data. Huwa jenfasizza li l-protezzjoni tad-data tista' tiġi implimentata permezz ta' mezzi differenti, mhux kollha ta' natura teknoloġika. Għaldaqstant, huwa importanti li neżaminaw mhux biss it-teknoloġija nnifisha iżda wkoll il-mod li bih it-teknoloġija tintuża bħala għodda sabiex jintlaħaq l-iskop tal-ipproċessar tad-data inkwistjoni. Il-proċessi kummerċjali għandhom jiġu orjentati lejn it-twettiq ta' dan l-iskop, li huwa tradott fi proċeduri u strutturi organizzattivi.

[1] Regolament (KE) Nru 390/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar il-viżi għall-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari firrigward tal-introduzzjoni tal-bijometrika inklużi dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tar-riċezzjoni u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża, ĠU L 131, 28.5.2009, p. 1.

32. F'dan ir-rigward, u fuq livell aktar ġenerali, il-KEPD jixtieq itenni r-rakkomandazzjoni magħmula fl-opinjonijiet preċedenti [1] dwar il-ħtieġa li l-Kummissjoni tiddefinixxi u tippromwovi, flimkien mal-partijiet interessati tal-industrija, "l-Aqwa Tekniki Disponibbli" wara l-istess proċedura adottata mill-Kummissjoni fil-qasam ambjentali [2]. "L-Aqwa Tekniki Disponibbli" tfisser l-aktar stadju effettiv u avvanzat fl-iżvilupp tat-teknoloġija u l-metodi tal-operat tagħhom, li jindikaw l-adattabilità prattika ta' tekniki partikolari li jipprovdu, skont il-qafas tal-UE dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, limitu ta' detezzjoni definit. Dawn il-BATs sejrin jitfasslu biex jipprevjenu u, fejn dan ma jkunx prattikabbli, biex inaqqsu sa livell xieraq ir-riskji tas-sigurtà relatati ma' dan l-ipproċessar tad-data u jnaqqsu kemm jista' jkun possibbli l-impatt tagħhom fuq il-privatezza.

33. Dan il-proċess għandu jipprovdi wkoll dokumenti ta' referenza dwar "l-Aqwa Tekniki Disponibbli" li jistgħu joffru gwida utli ħafna għall-ġestjoni ta' sistemi tal-IT oħrajn tal-UE fuq skala kbira. Huwa sejjer itejjeb ukoll l-armonizzazzjoni ta' dawn il-miżuri madwar l-UE kollha. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, id-definizzjoni tal-BATs li ma jagħmlux ħsara lill-privatezza u s-sigurtà tiffaċilita r-rwol superviżorju tal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data billi tipprovdilhom referenzi tekniċi konformi mal-privatezza u l-protezzjoni tad-data adottati mill-kontrolluri tad-data.

VII. SOTTOKUNTRATTAR

34. Il-KEPD jinnota li l-Proposta ma tindirizzax il-kwistjoni tal-partijiet tas-sottokuntrattar tal-kompiti tal-Kummissjoni [3] lil organizzazzjoni jew entità oħra (bħal kumpanija privata). Madankollu, is-sottokuntrattar jintuża b'mod komuni mill-Kummissjoni fl-iżvilupp u l-ġestjoni tas-sistema u tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni. Filwaqt li s-sottokuntrattar tal-attivitajiet fih innifsu ma jmurx kontra r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data, għandhom jiġu implimentati salvagwardji importanti biex jiżguraw li l-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, inkluż is-sorveljanza tal-protezzjoni tad-data mill-EDPS, tibqa' interament mhux affettwata mis-sottokuntrattar. Barra minn hekk, għandhom jiġu adottati salvagwardji addizzjonali ta' natura aktar teknika.

35. F'dan ir-rigward, il-KEPD jissuġġerixxi li salvagwardji legali simili kif previsti fl-istrumenti legali tas-SIS II għandhom jiġu pprovduti *mutatis mutandis* fil-qafas tar-reviżjoni tar-Regolament dwar l-EURODAC, li jispeċifikaw li anki meta l-Kummissjoni tissottokuntratta parti mill-kompiti tagħha lil korp jew organizzazzjoni oħra, hija għandha tiżgura li l-KEPD ikollu d-dritt u jkun jista' jeżerċita b'mod sħiħ il-kompiti tiegħu, inkluż it-twettiq ta' verifiki fuq il-post u li jeżerċita kwalunkwe poteri oħrajn mogħtija lilu mill-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

[1] Opinjoni tal-KEPD dwar sistemi ta' Trasport Intelliġenti, Lulju 2009; Opinjoni tal-KEPD dwar il-komunikazzjoni tal-RFID ta' Diċembru 2007; Rapport annwali tal-KEPD 2006 p. 48.

[2] http://eippcb.jrc.es/

[3] Jew fil-futur l-Awtorità Amministrattiva kif imsemmija fuq. Ir-referenzi għall-Kummissjoni f'dan il-paragrafu għandhom jinqraw bħala referenzi għall-istituzzjoni jew il-korp tal-UE li jaġixxi bħala kontrollur tad-data għal Eurodac.

VIII. KONKLUŻJONIJIET

36. Il-KEPD jilqa' l-fatt li huwa kkonsultat mill-Kummissjoni u qiegħed jitlob biex ir-referenza għal din il-konsultazzjoni ssir fil-premessi tal-Proposta.

37. Il-KEPD jilqa' l-fatt li l-possibbiltà li l-infurzar tal-liġi jingħata aċċess għall-Eurodac tħalliet barra mill-proposta attwali.

38. Il-ġbir u l-ipproċessar ulterjuri tal-marki tas-swaba' jokkupaw post ċentrali fis-sistema tal-Eurodac. Il-KEPD jenfasizza li l-ipproċessar ta' data bijometrika bħal marki tas-swaba' joħloq sfidi speċifiċi u riskji li għandhom jiġu indirizzati. B'mod partikolari, il-KEPD jenfasizza l-problema tal-hekk imsejjaħ "nuqqas ta' reġistrazzjoni" – is-sitwazzjoni li ssib ruħha fiha persuna jekk għal xi raġuni jew oħra l-marki tas-swaba' tagħha ma jkunux jistgħu jintużaw. In-nuqqas ta' reġistrazzjoni waħdu ma għandux iwassal għal ċaħda tad-drittijiet għall-persuni li jkunu qegħdin ifittxu l-asil.

39. Il-KEPD jirrakkomanda li mal-Artikolu 6a tal-proposta tiżdied dispożizzjoni fuq din il-linja: "L-impossibbiltà temporanja jew permanenti li jiġu pprovduti marki tas-swaba' li jkunu jistgħu jintużaw ma għandhiex taffettwa b'mod negattiv is-sitwazzjoni legali tal-individwu. Fi kwalunkwe każ, hija ma tistax tirrappreżenta biżżejjed raġunijiet għar-rifjut tal-eżaminazzjoni jew għaċ-ċaħda ta' applikazzjoni għall-asil".

40. Il-KEPD jinnota li l-implimentazzjoni effettiva tad-dritt għall-informazzjoni hija kruċjali għall-funzjonament xieraq tal-Eurodac, sabiex ikun żgurat li l-informazzjoni tiġi pprovduta b'tali mod li tippermetti lill-persuna li tkun qiegħda tfittex l-asil tifhem għal kollox is-sitwazzjoni tagħha, kif ukoll il-firxa tad-drittijiet, inklużi l-passi proċedurali li tista' tieħu bħala segwitu għad-deċiżjonijiet amministrattivi meħuda fil-każ tagħha. Il-KEPD jissuġġerixxi li l-kliem tal-Artikolu 24 tal-Proposta għandu jiġi fformulat mill-ġdid sabiex jiġu kkjarifikati d-drittijiet li għandhom jingħataw lill-applikant għall-asil.

41. Il-KEPD jirrakkomanda l-emendar tal-Artikolu 4(1) tal-Proposta, billi tintuża l-espressjoni "L-Aqwa Tekniki Disponibbli" minflok "L-Aqwa Teknoloġiji Disponibbli". L-Aqwa Tekniki Disponibbli jinkludu kemm it-teknoloġija użata kif ukoll il-mod li bih tiġi ddisinjata, mibnija, miżmuma u mħaddma l-installazzjoni.

42. Fir-rigward tal-kwistjoni tas-sottokuntrattar ta' parti mill-obbligi tal-Kummissjoni lil organizzazzjoni jew entità oħra (bħal kumpanija privata), il-KEPD jirrakkomanda li jiddaħħlu fis-seħħ salvagwardji li jiżguraw li l-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, inkluża s-sorveljanza tal-protezzjoni tad-data mill-KEPD, tibqa' interament mhux affettwata mis-sottokuntrattar tal-attivitajiet. Barra minn hekk, għandhom jiġu adottati wkoll salvagwardji addizzjonali ta' natura aktar teknika.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2010.

Peter HUSTINX

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA)

(2011/C 101/04)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]),

Wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([2]),

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

I. INTRODUZZJONI

Deskrizzjoni tal-Proposta

1. Fit-30 ta' Settembru 2010 l-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ENISA, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni ([3]).

2. L-ENISA ġiet stabbilita f'Marzu 2004 għal perjodu inizjali ta' ħames snin mir-Regolament (KE) Nru 460/2004 ([4]). Fl-2008 r-Regolament (KE) Nru 1007/2008 ([5]) estenda l-mandat sa Marzu 2012.

3. Kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 460/2004, l-Aġenzija ġiet stabbilita għall-iskop li tiżgura livell għoli u effettiv ta' sigurtà fin-netwerks u l-informazzjoni ġewwa l-Unjoni u biex tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

4. Il-proposta tal-Kummissjoni hija maħsuba biex timmodernizza lill-Aġenzija, biex issaħħaħ il-kompetenzi tagħha u biex tistabbilixxi mandat ġdid għal perjodu ta' ħames snin li jippermetti l-kontinwità tal-Aġenzija wara Marzu 2012 ([6]).

5. Ir-Regolament propost huwa bbażat fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE ([7]), li jikkonferixxi l-kompetenza fuq l-Unjoni biex tadotta miżuri bil-għan li tistabbilixxi jew tiżgura l-funzjonament tas-suq intern. L-Artikolu 114 tat-TFUE huwa s-suċċessur tal-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE preċedenti li fuqu kienu bbażati r-regolamenti preċedenti dwar l-ENISA ([8]).

6. Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni li jakkumpanja l-proposta jirreferi għall-fatt li l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità saret kompetenza kondiviża wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Dan ħoloq opportunità għall-ENISA biex ikollha rwol ta' pjattaforma fuq l-aspetti tas-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni (NIS) fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u biex taqsam il-fehmiet u l-aqwa prattiki mal-awtoritajiet għad-difiża ċibernetika, l-infurzar tal-liġi u l-protezzjoni tad-data.

7. Minn fost diversi għażliet, il-Kummissjoni għażlet li tipproponi espansjoni tal-kompiti tal-ENISA u li żżid l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-protezzjoni tad-data bħala membri sħaħ tal-grupp tal-partijiet interessati permanenti tagħha. Il-lista l-ġdida ta' kompiti ma tinkludix il-kompiti operattivi, iżda taġġorna u tfassal mill-ġdid il-kompiti attwali.

Konsultazzjoni mal-KEPD

8. Fl-1 ta' Ottubru 2010 l-proposta ntbagħtet lill-KEPD għal konsultazzjoni skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li huwa kien ikkonsultat dwar din il-kwistjoni u jirrakkomanda li ssir referenza għal din il-konsultazzjoni fil-premessi tal-proposta, kif isir is-soltu fit-testi leġiżlattivi li fuqhom kien ikkonsultat il-KEPD skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

9. Qabel l-adozzjoni tal-proposta, il-KEPD kien ikkonsultat b'mod informali u pprovda bosta kummenti informali. Madankollu ma tqieset l-ebda waħda minn dawn ir-rimarki fil-verżjoni finali tal-proposta.

Valutazzjoni ġenerali

10. Il-KEPD jenfasizza li s-sigurtà tal-ipproċessar tad-data hija element kruċjali tal-protezzjoni tad-data ([9]). F'dan ir-rigward, huwa jilqa' b'sodisfazzjon l-għan tal-proposta li ssaħħaħ il-kompetenzi tal-Aġenzija biex b'hekk tkun tista' twettaq il-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħha b'mod aktar

---

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

([3]) COM(2010) 521 finali.

([4]) ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.

([5]) ĠU L 293, 31.10.2008, p. 1.

([6]) Sabiex tipprevjeni lakuna ġuridika, f'każ li l-proċedura leġiżlattiva fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill ddum sa wara l-iskadenza tal-mandat attwali, fit-30 ta' Settembru 2010 l-Kummissjoni adottat it-tieni proposta għal emenda tar-Regolament (KE) Nru 460/2004, li hija maħsuba biss biex testendi l-iskadenza tal-mandat attwali bi 18-il xahar. Ara COM(2010) 520 finali.

([7]) Cf. supra.

([8]) Fit-2 ta' Mejju 2006, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet rikors għal annullament tar-Regolament preċedenti (KE) Nru 460/2004 li kkontesta l-bażi legali tiegħu (Kawża C-217/04).

([9]) Ir-rekwiżiti tas-sigurtà huma inklużi fl-Artikoli 22 u 35 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, fl-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 95/46/KE u fl-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2002/58/KE.

effettiv u, fl-istess waqt, tespandi l-qasam tal-attività tagħha. Barra dan, il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon l-inklużjoni tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u l-korpi tal-infurzar tal-liġi bħala partijiet interessati sħaħ. Huwa jqis l-estensjoni tal-mandat tal-ENISA bħala mod li jinkoraġġixxi, fil-livell Ewropew, il-ġestjoni professjonali u razzjonalizzata tal-miżuri tas-sigurtà għas-sistemi tal-informazzjoni.

11. Il-valutazzjoni globali tal-proposta hija pożittiva. Madankollu, fuq diversi punti, ir-Regolament propost mhuwiex ċar jew komplet, u mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data din hija xi ħaġa li tqajjem tħassib. Dawn il-kwistjonijiet ser jiġu spjegati u diskussi fil-kapitolu li jmiss ta' din l-opinjoni.

II. **KUMMENTI U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

Il-kompiti estiżi li ser jitwettqu mill-ENISA mhumiex ċari biżżejjed

12. Il-kompiti estiżi tal-Aġenzija relatati mal-involviment tal-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data huma fformulati b'mod ġenerali ħafna fl-Artikolu 3 tal-proposta. Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni huwa aktar espliċitu f'dak ir-rigward. Huwa jirreferi għall-ENISA bħala li qiegħda tikkollabora mal-korpi tal-infurzar tal-liġi fiċ-ċiberkriminalità u twettaq kompiti mhux operattivi fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità. Madankollu, dawn il-kompiti ma ġewx inklużi jew inkella ssemmew biss f'termini ġenerali ħafna fl-Artikolu 3.

13. Sabiex tiġi evitata kull inċertezza legali, ir-Regolament propost għandu jkun ċar u mhux ambigwu dwar il-kompiti tal-ENISA. Kif intqal, is-sigurtà tal-ipproċessar tad-data hija element kruċjali tal-protezzjoni tad-data. L-ENISA ser ikollha rwol dejjem aktar importanti f'dak il-qasam. Għandu jkun ċar għaċ-ċittadini, l-istituzzjonijiet u l-korpi x'tip ta' attivitajiet sejra tkun involuta fihom l-ENISA. Tali dimensjoni hija saħansitra aktar importanti f'każ li l-kompiti estiżi tal-ENISA jkunu jinkludu l-ipproċessar ta' data personali (ara l-punti 17-20 hawn taħt).

14. L-Artikolu 3(1)(k) tal-proposta jgħid li l-Aġenzija twettaq kwalunkwe kompitu ieħor konferit fuq l-Aġenzija minn att leġiżlattiv ieħor tal-Unjoni. Il-KEPD għandu tħassib dwar din il-klawsola miftuħa minħabba li hija toħloq lakuna potenzjali li tista' taffettwa l-koerenza tal-istrument legali u tista' twassal għal funzjonament ħażin tal-Aġenzija.

15. Wieħed mill-kompiti msemmija fl-Artikolu 3(1)(k) tal-proposta jinsab fid-Direttiva 2002/58/KE [1]. Hija tgħid li l-Kummissjoni hija mitluba tikkonsulta lill-Aġenzija fuq kwalunkwe miżura implimentattiva teknika applikabbli għan-notifiki fil-kuntest tal-ksur tad-data. Il-KEPD jirrakkomanda li din l-attività tal-Aġenzija tiġi deskritta f'aktar dettall waqt li tiġi limitata għall-qasam tas-sigurtà. Meta wieħed iqis l-impatt potenzjali li jista' jkollha l-ENISA fuq l-iżvilupp tal-politika f'dan il-qasam, din l-attività għandu jkollha pożizzjoni aktar ċara u aktar prominenti fir-Regolament propost.

16. Barra minn hekk, il-KEPD jirrakkomanda l-inklużjoni ta' referenza għad-Direttiva 1999/5/KE [2] fil-Premessa 21 minħabba l-kompitu partikolari tal-ENISA msemmi fl-Artikolu 3(1)(ċ) tal-proposta attwali li tgħin lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej fl-isforzi tagħhom li jiġbru, janalizzaw u jxerrdu d-data dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni. Dan għandu jixpruna l-eżerċizzji promozzjonali tal-ENISA favur l-aqwa prattiki u tekniki tal-NIS (Is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni), minħabba li juri aħjar l-interazzjonijiet kostruttivi possibbli bejn l-Aġenzija u l-korpi ta' standardizzazzjoni.

Għandu jiġi kkjarifikat jekk id-data personali hijiex sejra tiġi pproċessata mill-Aġenzija

17. Il-proposta ma tispeċifikax jekk il-kompiti attribwiti lill-Aġenzija jistgħux jinkludu l-ipproċessar ta' data personali. Għalhekk, il-proposta ma fiha l-ebda bażi legali speċifika għall-ipproċessar tad-data personali, fit-tifsira tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

18. Madankollu, uħud mill-kompiti attribwiti lill-Aġenzija jistgħu jinvolvu (għall-inqas sa ċertu punt) l-ipproċessar ta' data personali. Pereżempju, mhuwiex eskluż li l-analiżi tal-inċidenti tas-sigurtà u l-ksur tad-data jew it-twettiq ta' funzjonijiet mhux operattivi fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità jistgħu jinvolvu l-ġbir u l-analiżi ta' data personali.

19. Il-Premessa 9 tal-proposta tirreferi għad-dispożizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva 2002/21/KE [3] u li jistabbilixxu li fejn ikun xieraq, l-Aġenzija għandha tiġi nnotifikata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'każ ta' ksur tas-sigurtà. Il-KEPD jirrakkomanda li l-proposta tkun aktar dettaljata dwar liema notifiki għandhom jintbagħtu lill-ENISA u dwar kif l-ENISA għandha twieġeb għalihom. Bl-istess mod, il-proposta għandha tindirizza l-implikazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data personali li jistgħu jirriżultaw mill-analiżi ta' dawn in-notifiki (jekk ikun hemm).

---

(1) Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.

(2) Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom, ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10. u b'mod partikolari l-artikolu 3(3)ċ tagħha.

(3) Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru, ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33).

20. Il-KEPD qiegħed jistieden lil-leġiżlatur biex jikkjarifika jekk l-attivitajiet tal-ENISA elenkati fl-Artikolu 3 humiex sejrin jinkludu l-ipproċessar ta' data personali, u jekk iva, liema minn dawn l-attivitajiet jagħmlu dan.

Għandhom jiġu speċifikati regoli tas-sigurtà interna għall-ENISA

21. Għalkemm l-ENISA għandha rwol importanti fid-diskussjoni dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Ewropa, il-proposta kważi ma tgħid xejn dwar l-istabbiliment ta' miżuri tas-sigurtà għall-Aġenzija nnifisha (kemm jekk huma relatati jew le mal-ipproċessar tad-data personali).

22. Il-KEPD huwa tal-opinjoni li l-Aġenzija sejra tkun f'pożizzjoni saħansitra aħjar biex tippromwovi prattiki tajbin fir-rigward tas-sigurtà tal-ipproċessar tad-data jekk tali miżuri tas-sigurtà jiġu applikati bis-sħiħ internament mill-aġenzija nnifisha. Dan għandu jseddaq li l-Aġenzija tkun rikonoxxuta mhux biss bħala ċentru ta' għarfien espert iżda wkoll bħala punt ta' referenza fl-implimentazzjoni prattika tal-Aqwa Tekniki Disponibbli (BATs) fil-qasam tas-sigurtà. L-istinkar għall-eċċellenza fl-implimentazzjoni tal-prattiki tas-sigurtà għandu għalhekk ikun inkorporat fir-Regolament li jirregola l-proċeduri tax-xogħol tal-Aġenzija. Għalhekk, il-KEPD jissuġġerixxi li tiżdied dispożizzjoni f'dan is-sens mal-proposta, pereżempju billi l-Aġenzija tintalab tapplika l-Aqwa Tekniki Disponibbli, li tfisser l-aktar proċeduri tas-sigurtà effettivi u avvanzati u l-metodi tal-operat tagħhom.

23. Dan l-approċċ għandu jippermetti lill-Aġenzija tagħti pariri dwar l-adattabilità prattika ta' tekniki partikolari sabiex jiġu pprovduti s-salvagwardji tas-sigurtà meħtieġa. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ta' dawn il-BATs għandha tagħti prijorità lil dawk li jippermettu l-iżgurar tas-sigurtà waqt li fl-istess ħin inaqqsu kemm jista' jkun possibbli l-impatt fuq il-privatezza. Għandhom jintgħażlu dawk it-tekniki li huma aktar konformi mal-kunċett tal-"privatezza skont id-disinn".

24. Anki b'approċċ inqas ambizzjuż, il-KEPD jirrakkomanda, bħala minimu, li r-Regolament fih ir-rekwiżiti li ġejjin: (i) il-ħolqien ta' politika dwar is-sigurtà interna wara valutazzjoni komprensiva tar-riskji u wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istandards internazzjonali u l-aqwa prattiki fl-Istati Membri, (ii) il-ħatra ta' uffiċjal tas-sigurtà inkarigat mill-implimentazzjoni tal-politika bl-awtorità u r-riżorsi adegwati, (iii) l-approvazzjoni ta' din il-politika wara eżaminazzjoni mill-qrib tar-riskju residwu u l-kontrolli proposti mill-Bord ta' Tmexxija, u (iv) reviżjoni perjodika tal-politika b'dikjarazzjoni ċara taż-żmien magħżul tal-perjodiċità u l-għanijiet tar-reviżjoni.

Il-mezzi ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data (inkluż il-KEPD) u l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 għandhom jiġu definiti aħjar

25. Kif intqal diġà, il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon l-estensjoni tal-mandat tal-Aġenzija u jemmen li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data jistgħu jibbenifikaw bil-kbir mill-eżistenza tal-Aġenzija (u l-Aġenzija tibbenifika mill-għarfien espert ta' dawn l-awtoritajiet). Minħabba l-konverġenza naturali u loġistika bejn is-sigurtà u l-protezzjoni tad-data, l-Aġenzija u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data huma fil-fatt mitluba jikkollaboraw mill-qrib.

26. Il-Premessi 24 u 25 fihom referenza għad-Direttiva proposta tal-UE dwar iċ-ċiberkriminalità u jsemmu li l-Aġenzija għandha tikkollabora mal-korpi tal-infurzar tal-liġi kif ukoll mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fir-rigward tal-aspetti tas-sigurtà tal-informazzjoni fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità ([1]).

27. Il-proposta għandha tipprovdi wkoll mezzi konkreti u mekkaniżmi ta' kollaborazzjoni li (i) jiżguraw il-*konsistenza tal-attivitajiet tal-Aġenzija ma' dawk tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u* (ii) jippermettu *kooperazzjoni mill-qrib* bejn l-Aġenzija u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data.

28. Fir-rigward tal-*konsistenza,* il-premessa 27 tirreferi b'mod espliċitu għall-fatt li l-kompiti tal-Aġenzija ma għandhomx jidħlu f'kunflitt mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data tal-Istati Membri. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon din ir-referenza, iżda jinnota li ma saret l-ebda referenza għall-KEPD u l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29. Il-KEPD jirrakkomanda li l-leġiżlatur jinkludi dispożizzjoni simili ta' non-interferenza fil-proposta li tirrigwardja lil dawn iż-żewġ entitajiet. Din toħloq ambjent tax-xogħol aktar ċar għall-partijiet kollha u għandha tfassal il-mekkaniżmi u l-mezzi ta' kollaborazzjoni li jippermettu lill-Aġenzija tgħin lill-awtoritajiet differenti tal-protezzjoni tad-data u l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29.

29. Għaldaqstant, fir-rigward tal-*kooperazzjoni mill-qrib,* il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon l-inklużjoni ta' rappreżentanza tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fil-grupp tal-Partijiet Interessati Permanenti li sejjer jagħti pariri lill-Aġenzija fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħu. Huwa jirrakkomanda li huwa msemmi b'mod espliċitu li tali rappreżentanza mill-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data għandha tinħatar mill-Aġenzija fuq il-bażi ta' proposta mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29. Barra minn hekk, ikun apprezzat jekk tiġi inkluża referenza li tipprovdi għall-attendenza tal-KEPD, bħala tali, għal dawk il-laqgħat fejn għandhom jiġu diskussi kwistjonijiet li huma rilevanti għall-kooperazzjoni mal-KEPD. Minbarra dan, il-KEPD jirrakkomanda li l-Aġenzija (b'konsultazzjoni mill-grupp tal-Partijiet Interessati Permanenti u bl-approvazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija) tistabbilixxi gruppi ta' ħidma ad hoc għas-suġġetti differenti fejn il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà jikkoinċidu biex joffru qafas għal dan l-isforz ta' kooperazzjoni mill-qrib.

([1]) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tirrevoka d-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2005/222/JHA, COM(2010) 517 finali.

30. Finalment, sabiex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta' ftehim possibbli, il-KEPD jirrakkomanda l-użu ta' "awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data" minflok ta' "awtoritajiet tal-protezzjoni tal-privatezza" u jikkjarifika min huma dawk l-awtoritajiet billi jinkludi referenza għall-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46/KE u l-KEPD kif stabbilit fil-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Mhuwiex ċar liema benefiċjarji jistgħu jitolbu l-għajnuna mingħand l-ENISA

31. Il-KEPD jinnota inkonsistenza fir-Regolament propost firrigward ta' min jista' jitlob l-għajnuna mingħand l-ENISA. Mill-premessi 7, 15, 16, 18 u 36 tal-proposta, jirriżulta li l-ENISA għandha l-kapaċità li tgħin lill-korpi tal-Istati Membri u l-Unjoni b'mod ġenerali. Madankollu, l-Artikolu 2(1) jirreferi biss għall-Kummissjoni u l-Istati Membri, filwaqt li l-Artikolu 14 jirrestrinġi l-kapaċità tat-talbiet għall-għajnuna għal: (i) il-Parlament Ewropew, (ii) il-Kunsill, (iii) il-Kummissjoni u (iv) kull korp kompetenti maħtur minn Stat Membru, esklużi whud mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-aġenziji u l-uffiċċji tal-Unjoni.

32. L-Artikolu 3 tal-proposta huwa aktar speċifiku u jipprevedi tipi differenti ta' għajnuna li jiddependu fuq it-tip ta' benefiċjarji: (i) il-ġbir u l-analiżi tad-data dwar is-sigurtà tal-informazzjoni (fil-każ tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej), (ii) l-analiżi tal-istat tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Ewropa (fil-każ tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej), (iii) il-promozzjoni tal-użu tal-ġestjoni tar-riskji u prattiki tajbin ta' sigurtà (madwar l-Unjoni u fl-Istati Membri), (iv) l-iżvilupp tal-kxif tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni (fl-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej) u (v) il-kollaborazzjoni fid-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (fil-każ tal-Unjoni).

33. Il-KEPD jistieden lil-leġiżlatur biex jirrimedja din l-inkonsistenza u jgħaqqad id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq. F'dan ir-rigward, il-KEPD jirrakkomanda li l-Artikolu 14 jiġi emendat b'tali mod li fil-fatt ikun jinkludi l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni u li jkun ċar x'tip ta' għajnuna tista' tkun meħtieġa mill-entitajiet differenti fi ħdan l-Unjoni (f'każ li din id-differenzazzjoni tkun prevista mil-leġiżlatur). Fl-istess direzzjoni, huwa rakkomandat li ċerti entitajiet pubbliċi u privati jkunu jistgħu jitolbu l-għajnuna mill-Aġenzija jekk l-appoġġ mitlub juri potenzjal ċar minn perspettiva Ewropea, u jkun allinjat mal-għanijiet tal-Aġenzija.

Il-funzjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija

34. Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni jipprovdi għall-kompetenzi mtejba tal-Bord ta' Tmexxija fir-rigward tar-rwol superviżorju tiegħu. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon dan ir-rwol miżjud u jirrakkomanda li jiġu inklużi diversi aspetti li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data fost il-funzjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija. Barra minn hekk, il-KEPD jirrakkomanda li r-Regolament jispeċifika b'mod mhux ambigwu min huwa intitolat biex: (i) jistabbilixxi miżuri għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 mill-Aġenzija, inklużi dawk li jikkonċernaw il-ħatra ta' Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data, (ii) japprova l-politika tas-sigurtà u r-reviżjonijiet perjodiċi sussegwenti, u (iii) jistabbilixxi l-protokoll ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u l-korpi tal-infurzar tal-liġi.

L-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 45/2001

35. Għalkemm dan huwa diġà mitlub mir-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-KEPD jissuġġerixxi li fl-Artikolu 27 tiġi inkluża l-ħatra tal-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data billi din hija ta' importanza partikolari u għandha tkun akkumpanjata mill-istabbiliment f'waqtu tar-regoli implimentattivi rigward l-ambitu tal-poteri u l-kompiti li għandhom jiġu fdati lill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data skont l-Artikolu 24(8) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. B'mod aktar konkret, l-Artikolu 27 jista' jaqra kif ġej:

(1) L-informazzjoni pproċessata mill-Aġenzija skont dan ir-Regolament għandha tkun soġġetta għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data.

(2) Il-Bord ta' Tmexxija għandu jistabbilixxi miżuri għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 mill-Aġenzija, inklużi dawk li jikkonċernaw lill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data tal-Aġenzija.

36. F'każ li tkun meħtieġa bażi legali speċifika għall-ipproċessar tad-data personali, kif diskuss fil-punti 17-20 hawn fuq, hija għandha tistabbilixxi wkoll speċifikazzjoni rigward is-salvagwardji, il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet meħtieġa u xierqa li taħthom għandu jsir dan l-ipproċessar.

III. **KONKLUŻJONIJIET**

37. Il-valutazzjoni globali tal-proposta hija pożittiva u l-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon l-estensjoni tal-mandat tal-Aġenzija u l-espansjoni tal-kompiti tagħha permezz tal-inklużjoni tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u l-korpi tal-infurzar tal-liġi bħala partijiet interessati sħaħ. Il-KEPD jqis li l-kontinwità tal-Aġenzija għandha tinkoraġġixxi, fil-livell Ewropew, il-ġestjoni professjonali u razzjonalizzata tal-miżuri tas-sigurtà għas-sistemi tal-informazzjoni.

38. Il-KEPD jirrakkomanda li sabiex tiġi evitata kull inċertezza legali, il-proposta għandha tiġi kkjarifikata fir-rigward tal-espansjoni tal-kompiti tal-Aġenzija u b'mod partikolari dawk li huma relatati mal-involviment tal-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data. Barra minn hekk, il-KEPD jiġbed l-attenzjoni għal-lakuna potenzjali li nħolqot bl-inklużjoni ta' dispożizzjoni fil-proposta li tippermetti ż-żieda ta' kompiti ġodda għall-Aġenzija minn kwalunkwe Att leġiżlattiv ieħor tal-Unjoni mingħajr l-ebda restrizzjoni addizzjonali.

39. Il-KEPD qiegħed jistieden lil-leġiżlatur biex jikkjarifika jekk l-attivitajiet tal-ENISA humiex sejrin jinkludu l-ipproċessar ta' data personali, u jekk iva, liema minn dawn l-attivitajiet jagħmlu dan.

40. Il-KEPD jirrakkomanda l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' politika dwar is-sigurtà għall-Aġenzija nnifisha, sabiex jissaħħaħ ir-rwol tal-Aġenzija bħala waħda li tippermetti l-eċċellenza fil-prattiki tas-sigurtà, u bħala promotur tal-privatezza skont id-disinn permezz tal-integrazzjoni tal-użu tal-aqwa tekniki disponibbli fis-sigurtà fir-rigward tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-data personali.

41. Il-mezzi ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, inkluż il-KEPD u l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, għandhom jiġu definiti aħjar bil-għan li jiżguraw il-konsistenza u l-kooperazzjoni mill-qrib.

42. Il-KEPD jistieden lil-leġiżlatur biex isolvi xi inkonsistenzi fir-rigward tar-restrizzjonijiet espressi fuq l-Artikolu 14 dwar il-kapaċità li tintalab l-għajnuna tal-Aġenzija. B'mod partikolari, il-KEPD jirrakkomanda li dawn ir-restrizzjonijiet jitneħħew u li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-aġenziji u l-uffiċċji kollha tal-Unjoni jkunu awtorizzati biex jitolbu l-għajnuna mill-Aġenzija.

43. Fl-aħħar nett, il-KEPD jirrakkomanda li l-kapaċitajiet estiżi tal-Bord ta' Tmexxija jkunu jinkludu xi aspetti konkreti li jistgħu jtejbu l-assigurazzjoni li jiġu segwiti prattiki tajbin fi ħdan l-Aġenzija fir-rigward tas-sigurtà u l-protezzjoni tad-data. Fost l-oħrajn, huwa propost li tiġi inkluża l-ħatra ta' uffiċjal għall-protezzjoni tad-data u l-approvazzjoni tal-miżuri mmirati għall-applikazzjoni korretta tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Magħmula fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2010.

Giovanni BUTTARELLI

Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Każ COMP/M.6076 – Orangina Schweppes/Européenne d'Embouteillage)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/C 101/05)

Fit-22 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Franċiż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32011M6076. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro [1]

Il-31 ta' Marzu 2011

(2011/C 101/06)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,4207	AUD	Dollaru Awstraljan	1,3736
JPY	Yen Ġappuniż	117,61	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3785
DKK	Krona Daniża	7,4567	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	11,0559
GBP	Lira Sterlina	0,88370	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,8598
SEK	Krona Żvediża	8,9329	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,7902
CHF	Frank Żvizzeru	1,3005	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 554,51
ISK	Krona Iżlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	9,6507
NOK	Krona Norveġiża	7,8330	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	9,3036
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,3778
CZK	Krona Ċeka	24,543	IDR	Rupiah Indoneżjan	12 366,75
HUF	Forint Ungeriż	265,72	MYR	Ringgit Malażjan	4,2983
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	61,559
LVL	Lats Latvjan	0,7095	RUB	Rouble Russu	40,2850
PLN	Zloty Pollakk	4,0106	THB	Baht Tajlandiż	42,976
RON	Leu Rumen	4,1221	BRL	Real Brażiljan	2,3058
TRY	Lira Turka	2,1947	MXN	Peso Messikan	16,9276
			INR	Rupi Indjan	63,3450

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2011 "Id-devoluzzjoni tal-ġestjoni tal-Kummissjoni tal-għajnuna esterna mill-kwartieri ġenerali tagħha rriżultat fi twassil tal-għajnuna mtejjeb?"

(2011/C 101/07)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tinfurmak li r-Rapport Speċjali Nru 1/2011 "Id-devoluzzjoni tal-ġestjoni tal-Kummissjoni tal-ghajnuna esterna mill-kwartieri ġenerali tagħha rriżultat fi twassil tal-għajnuna mtejjeb?" għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel mill-websajt tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: http://www.eca.europa.eu

Verżjoni stampata jew fuq CD-ROM tar-rapport tista' tinkiseb mingħajr ħlas fuq talba lill-Qorti tal-Awdituri:

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
Unità tal-Komunikazzjoni u Rapporti
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Posta elettronika: euraud@eca.europa.eu

jew billi timla formola ta' ordni elettronika fl-EU-Bookshop.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Proċedura nazzjonali tal-Belġu għall-allokazzjoni tad-drittijiet limitati għat-traffiku tal-ajru

(2011/C 101/08)

Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 847/2004 dwar in-negozjati (in-negozjar) u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tippubblika l-proċedura nazzjonali li ġejja għad-distribuzzjoni ta' drittijiet ta' traffiku tal-ajru, bejn it-trasportaturi tal-ajru Komunitarji eliġibbli, meta dawn id-drittijiet ikunu limitati minn ftehimiet tal-ajru ma' pajjiżi terzi.

IR-RENJU TAL-BELĠJU

IS-SERVIZZ PUBBLIKU FEDERALI GĦALL-MOBILITÀ U T-TRASPORT

IT-TRASPORT BL-AJRU

Digriet Irjali dwar id-deżinjazzjoni ta' trasportaturi tal-ajru komunitarji u l-għoti ta' drittijiet ta' traffiku, għall-finijiet tal-operat ta' servizzi tal-ajru regolari bejn il-Belġju u pajjiżi mhux komunitarji

ALBERT II, Ir-Re tal-Belġju,

Lil kull min huwa preżenti u dawk futuri, merħba

Minħabba r-Regolament (KE) Nru 847/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar in-negozjati (in-negozjar) u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi.

Minħabba l-liġi tas-27 ta' Ġunju 1937 li temenda l-liġi tas-16 ta' Novembru 1919 dwar ir-regolamentazzjoni tan-navigazzjoni bl-ajru, b'mod partikolari l-Arikolu 5, §2 imdaħħal bil-liġi tat-2 ta' Jannar 2001;

Minħabba l-liġi tat-3 ta' Mejju 1999 dwar it-trasportaturi tal-ajru regolari;

Minħabba l-parteċipazzjoni tal-Gvernijiet tar-reġjuni fl-elaborazzjoni ta' dan id-digriet;

Minħabba l-opinjoni Nru 47.574/4 tal-Kunsill tal-Istat, mogħti fis-6 ta'Jannar 2010, b'applikazzjoni tal-Artikolu 84, §1, paragrafu 1, 1, tal-liġijiet dwar il-Kunsill tal-Istat, kif ikkoordinati fit-12 ta' Jannar 1973;

Fuq il-proposta tal-Prim Ministru tagħna u tas-Segretarju tal-Istat għall-Mobilità,

IDDEĊIDEJNA U NISTABBILIXXU

Artikolu 1

Dan id-Digriet jiddetermina l-modalitajiet għad-deżinjazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru Komunitarji u għall-għoti tad-drittijiet tat-traffiku għall-finijiet ta' operat ta' servizzi tal-ajru regolari bejn il-Belġju u pajjiżi mhux Komunitarji.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan id-Digriet għandhom japplikaw id-definizzonijiet li ġejjin:

(1) Trasportatur tal-ajru Komunitarju: kull trasportatur tal-ajru li huwa detentur ta' Liċenzja Operattiva valida skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità;

(2) Dritt ta' traffiku: id-dritt ta' trasportatur tal-ajru li jittrasporta, bi ħlas, flimkien jew separatament, passiġġieri, merkanzija u/jew posta fuq vjaġġ bl-ajru determinat;

(3) Id-Direttur Ġenerali: id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għat-Trasport bl-Ajru;

(4) Id-Direttorat Ġenerali għat-Trasport bl-Ajru: Id-Direttorat kompetenti fil-qasam tat-trasport bl-ajru fi ħdan is-Servizz Pubbliku Federali għall-Mobilità u t-Trasport;

(5) Servizzi tal-ajru regolari: serje ta' titjiriet aċċessibbli għall-pubbliku u maħsuba biex jiggarantixxu t-trasport bi ħlas, flimkien jew separatament, ta' passiġġieri, posta u/jew merkanzija. Din is-serje ta' titjiriet titħaddem;

(a) skont skeda ppubblikata;

(b) b'frekwenza tant regolari li tkun tikkostitwixxi serje sistematika evidenti ta' titjiriet;

(6) Ftehim bilaterali tal-ajru: ftehim tal-ajru konkluż bejn il-Belġju u pajjiż mhux Komunitarju kif ukoll kull ftehim ieħor bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiż mhux Komunitarju.

(7) Deżinjazzjoni: privileġġ mogħti lil trasportatur tal-ajru għall-operat tas-servizzi tal-ajru regolari fil-qafas ta' ftehim tal-ajru bilaterali. Din id-deżinjazzjoni tista' tingħata lil trasportatur tal-ajru wieħed biss (monodeżinjazzjoni) jew lil diversi trasportaturi tal-ajru (multideżinjazzjoni), skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim tal-ajru bilaterali konċernat,

(8) Aċċessibbiltà: possibbiltà skont id-dispożizzjonijiet ta' ftehim tal-ajru bilaterali għad-deżinjazzjoni u/jew l-operar ta' għadd ta' titjiriet mixtieqa fuq rotta determinata.

(9) Ministru: Il-Ministru kompetenti għan-navigazzjoni bl-ajru.

(10) L-Istaġun tal-IATA: l-istaġun tas-sajf jew tax-xitwa kif iddefinit mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali għat-Trasport bl-Ajru (IATA).

Artikolu 3

Dan id-Digriet kif ukoll l-iskeda tan-negozjati bilaterali tal-ftehimiet tal-ajru bejn il-Belġju u pajjiżi mhux Komunitarji għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit tal-Internet tal-SPF għall-Mobilità u t-Trasport. Kull informazzjoni komplementari li tikkonċerna l-ftehimiet tal-ajru, id-drittijiet tat-traffiku u d-deżinjazzjoni tista' tinkiseb mid-Direttorat Ġenerali għat-Trasport bl-Ajru.

Artikolu 4

1. Trasportatur tal-ajru Komunitarju li jkun stabbilit fil-Belġju, skont it-tifsira tal-liġi Kommunitarja, biss jista' jiġi ddeżinjat u jingħata d-drittijiet tat-traffiku.

Għall-finijiet ta' dan, huwa għandu jressaq applikazzjoni permezz ta' ittra rreġistrata miktuba f'waħda mil-lingwi nazzjonali jew bl-Ingliż u indirizzata lid-Direttur Ġenerali.

Din l-applikazzjoni għandu jkollha mehmuż magħha fajl li jinkludi:

(1) il-liċenzja tal-operat, iċ-ċertifikat tat-trasportatur tal-ajru (AOC), ħlief fil-każ li dawn id-dokumenti jkunu nħarġu mill-Belġju;

(2) iċ-ċertifkat tal-assigurazzjoni;

(3) elementi li juru li l-istabbiliment fil-Belġju tat-trasportatur tal-ajru Komunitarju huwa f'konformità mal-liġi Komunitarja;

(4) elementi li juru l-kapaċità operazzjonali u finanzjarja skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità;

(5) l-informazzjoni li ġejja dwar is-servizzi tal-ajru bi skeda previsti:

(a) il-konnessjonijiet bl-ajru previsti (rotta, frekwenza ta' titjiriet fil-ġimgħa, ħinijiet, waqfiet, kemm staġonali jew ta' natura oħra);

(b) it-tip ta' trasportazzjoni (merkanzija, passiġġieri, posta);

(c) it-traffiku tal-passiġġieri (previżjonijiet tat-traffiku, segmentazzjoni tal-klijentela, il-postijiet tal-oriġini u d-destinatazzjonijiet prinċipali u attwali);

(d) it-tip ta' inġenju tal-ajru, il-konfigurazzjoni tiegħu skont il-klassifikazzjonijiet differenti u l-kapaċità tiegħu;

(e) id-data prevista għall-bidu tal-operat, it-tul ta' żmien previst kif ukoll l-informazzjoni minn qabel dwar l-operat eventwali min-naħa tal-applikant tal-konnessjoni bl-ajru konċernata;

(f) informazzjoni dwar id-daqs tas-suq u b'mod partikolari dwar il-kapaċità eventwali diġà offruta jew prevista fuq perjodu ta' żmien qasir għal din il-konnessjoni bl-ajru;

(g) il-mod kif se jitħaddmu t-titjiriet proposti:

(i) l-użu tal-inġenji tal-ajru mniżżla fiċ-ċertifikat tat-trasportatur tal-ajru (AOC) tal-applikant;

(ii) rikors għal ftehim ta' codesharing ma' trasportatur tal-ajur ieħor (kemm jekk Komunitajru jew le);

(iii) kiri ta' inġenju tal-ajru jew tal-kapaċità ta' inġenju tal-ajru;

(iv) kull form'oħra ta' kooperazzjoni ma' trasportatur tal-ajru ieħor jew aktar;

(h) il-mod kif it-titjiriet se jiġu proposti għall-pubbliku u kkummerċjalizzati (tariffi proposti, l-aċċess tal-pubbliku għas-servizzi, kanali ta' distribuzzjoni);

(i) il-kategoriji tal-ħsejjes u l-karatteristiċi ambjentali l-oħra previsti minħabba l-użu tal-inġenji tal-ajru;

(6) l-aċċettazzjoni eventwali mill-applikant li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jagħmel disponibbli l-kapaċità neċessarja għas-sodisfar tal-ħtiġijiet nazzjonali jew internazzjonali tal-Belġju,

2. B'deroga minn §1, it-tielet paragrafu l-applikazzjoni ta' trasportatur tal-ajru Komunitarju, li wara d-dħul fis-seħħ ta' dan id-Digriet, kien diġà ppreżenta fajl bid-dettalji mehmuża u msemmija fil-punti 1 sa 4 ta' §1, il-paragrafu 3 għandu jkollha mehmuż magħha d-dettalji msemmija fil-punt 5 tal-§1 il-paragrafu 3 kif ukoll skont il-każ, l-emendi fl-elementi tal-punti 1 sa 4 ta' §1, il-paragrafu 3.

Artikolu 5

L-applikazzjonijiet li huma konformi mal-Artikolu 4 biss jittieħdu f'kunsiderazzjoni mid-Direttur Ġenerali u jiġu ppubblikati fuq is-sit tal-internet tal-SPF għall-Mobilità u t-Trasport.

Waqt l-eżami ta' applikazzjoni d-Direttur Ġenerali jista' fi kwalunkwe mument:

(1) jitlob lit-trasportatur tal-ajru Komunitajru elementi komplementari ta' informazzjoni; u/jew,

(2) jorganizza seduti ta' smigħ fejn jitlaqgħu l-applikanti kollha.

Artikolu 6

Il-Ministru awtomatikament jagħti lil kull trasportatur tal-ajru Komunitarju d-deżinjazzjoni u/jew id-drittijiet tat-traffiku mitluba sakemm il-ftehim bilaterali tal-ajru bejn il-Belġju u l-pajjiż mhux Komunitarju konċernat ma jkunx jillimita:

(1) la l-għadd ta' trasportaturi tal-ajru Komunitarji li jistgħu jiġu ddeżinjati;

(2) u lanqas l-għadd ta' titjiriet li jistgħu jitħaddmu fuq rotot speċifiċi.

Dan jiġi nnotifikat lit-trasportatur tal-ajru.

Artikolu 7

Fil-każ li l-ftehimiet bilaterali tal-ajru jillimitaw:

(1) l-għadd ta' trasportaturi tal-ajru Komunitarji li jistgħu jiġu ddeżinjati; ou,

(2) l-għadd ta' titjiriet li jistgħu jitħaddmu fuq rotot speċifiċi.

l-applikazzjoni l-ewwel tiġi eżaminata fir-rigward tal-aċċessibbiltà għad-deżinjazzjoni u/jew id-drittijiet tat-traffiku mitluba,

Artikolu 8

Fil-każ li ma jkunx fadal aċċessibbiltà biex l-applikant jiġi permess jopera servizzi tal-ajru regolari fuq ir-rotot konċernati, għandha ssir notifika lilu fi żmien 15-il jum tax-xogħol wara l-wasla tal-applikazzjoni tiegħu, b'ittra rreġistrata. Din in-notifika għandha wkoll tiġi ppubblikata fuq is-sit tal-internet tal-SPF għall-Mobilità u t-Trasport.

Fil-każ li jkun għad fadal aċċessibbiltà suffiċjenti biex l-applikant jiġi permess jopera servizzi tal-ajru regolari fuq ir-rotot konċernati, id-Direttur Ġenerali għandu jagħti notifika dwar dan bil-miktub, fi żmien 15-il jum tax-xogħol kif ukoll permezz tas-sit tal-internet tal-SPF għall-Mobilità u t-Trasport.

It-trasportaturi tal-ajru Komunitarji stabbiliti fil-Belġju huma mgħarrfa bil-miktub dwar il-fatt li jkollhom 15-il jum tax-xogħol, b'seħħ mid-data tan-notifika prevista fil-paragrafu 2, biex iressqu l-applikazzjoni tagħhom għal deżinjazzjoni u/jew l-għotja tad-drittijiet tat-traffiku.

L-applikazzjonijiet konkorrenti huma ppubblikati fuq is-sit tal-internet tal-SPF għall-Mobilità u t-Trasport.

Artikolu 9

Meta ma jkunx hemm applikazzjonijiet konkorrenti jew meta jkun hemm il-possibbiltà li jiġu ssodisfati l-applikazzjonijiet kollha, il-Ministru jaċċetta l-applikazzjoni/jiet u jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu fi żmien 15-il jum tax-xogħol permezz ta' ittra rreġistrata kif ukoll bil-pubblikazzjoni fuq is-sit tal-internet tal-SPF għall-Mobilità u t-Trasport.

Artikolu 10

Meta jirriżulta li diversi trasportaturi tal-ajru Komunitarji juru l-interess u l-pretensjoni tagħhom għall-għoti ta' deżinjazzjoni jew ta' drittijiet tat-traffiku fuq rotta determinata u meta jkun jidher impossibbli li jiġu ssodisfati l-applikazzjonijiet kollha, l-applikazzjonijiet konkorrenti jiġu eżaminati mid-Direttur Ġenerali, abbażi tal-fajl sħiħ tal-applikazzjonijiet kif definit fl-Artikolu 4.

B'ittra rreġistrata u fi żmien tletin jum tax-xogħol, id-Direttur Ġenerali għandu jgħarraf lill-applikanti dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni għall-għoti tad-drittijiet tat-traffiku u/jew tad-deżinjazzjoni. Id-data tal-konsenja ta' dan l-abbozz ta' Deċiżjoni tiġi ppubblikata fuq is-sit tal-internet tal SPF għall-Mobilità u t-Trasport.

It-trasportaturi tal-ajru Komunitarji li jkunu ppreżentaw applikazzjoni jistgħu jikkomunikaw l-osservazzjonijiet tagħhom b'ittra rreġistrata u indirizzata lid-Direttur Ġenerali fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol li jibdew jgħoddu mid-data tal-konsenja tal-abbozz ta' Deċiżjoni:

(1) fil-każ li jaslu xi osservazzjonijiet, fi żmien ħmistax-il jum tax-xogħol li jibdew jgħoddu mill-wasla ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Ministru jieħu Deċiżjoni finali dwar l-għoti tad-drittijiet tat-traffiku u/jew tad-deżinjazzjoni li tiġi kkomunikata lill-applikanti b'ittra rreġistrata, kif ukoll tiġi ppubblikata fuq is-sit tal-internet tal-SPF għall-Mobilità u t-Trasport;

(2) fil-każ li ma tintbagħat l-ebda osservazzjoni, l-abbozz ta' Deċiżjoni issir Deċiżjoni finali tal-Ministru għall-għoti tad-drittijiet tat-traffiku u/jew id-deżinjazzjoni, li tiġi kkomunikata lill-applikant/i b'ittra rreġistrata u ppubblikata fuq is-sit tal-internet tal-SPF għall-Mobilità u t-Trasport.

Artikolu 11

L-applikazzjonijiet previsti b'dan id-Digriet jiġu eżaminati fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja.

Kull Deċiżjoni jew abbozz ta' Deċiżjoni għall-għoti ta' drittijiet tat-traffiku u/jew ta' deżinjazzjoni tqis, mingħajr ebda ordni ta' prijorità jew ta' importanza:

(1) l-elementi msemmija fl-Artikolu 4 u kkomunikati mit-trasportatur tal-ajru Komunitarju;

(2) il-garanziji offruti fir-rigward tas-sostenibbiltà tal-operat u tal-integrazzjoni tiegħu fi pjan kummerċjali;

(3) l-użu ottimu tad-drittijiet tat-traffiku limitati;

(4) il-karattru prijoritarju tal-operazzjonijiet realizzati minn trasportatur tal-ajru Komunitarju permezz tal-inġenji tal-ajru tiegħu (kemm jekk huma proprjetà tiegħu u kemm jekk mikrija) fir-rigward tal-operazzjonijiet fejn it-trasportatur tal-ajru Komunitarju jillimita lilu nnifsu li jikkummerċjalizza, abbażi ta' ftehimiet ta' code sharing, titjiriet li jiġu operati minn trasportatur tal-ajru ieħor;

(5) l-interessi ta' kull kategorija ta' utenti;

(6) l-aċċess iffaċilitat għal rotot, swieq, u reġjuni ġodda, li jista' jirriżulta minħabba kollegamenti ġodda kemm fil-post tat-tluq u kemm fid-destinazzjoni ta' ajruporti Belġjani differenti;

(7) il-kontribut lill-offerta ta' livell sodisfaċenti ta' kompetizzjoni;

(8) l-effetti possibbli tal-operat fuq il-ħolqien dirett jew indirett tal-impjiegi fis-settur tat-trasport bl-ajru;

(9) addizzjonalment, it-tul ta' żmien li t-trasportatur tal-ajru Komunitarju ilu jesprimi l-volontà tiegħu b'mod attiv u rikorrenti biex jikseb id-drittijiet tat-traffiku mitluba fl-applikazzjoni tiegħu.

Il-Ministru jippreċiża l-kriterji elenkati hawn fuq bil-għan li jiggarantixxi l-oġġettività u t-trasparenza tagħhom.

Artikolu 12

Trasportatur tal-ajru Komunitarju li jikseb deżinjazzjoni u/jew id-drittijiet tat-traffiku fil-qafas ta' ftehim bilaterali tal-ajru bejn il-Belġju u pajjiż mhux Komunitarju għandu l-obbligu:

(1) li jwettaq l-operat tas-servizzi tal-ajru konċernati sa mhux aktar tard minn tmiem l-istaġun tal-IATA li jmiss wara n-notifika tad-Deċiżjoni tad-deżinjazzjoni u/jew tal-għoti tad-drittijiet tat-traffiku;

(2) li jopera s-servizzi tal-ajru konċernati f'konformità mal-fajl imsemmi fl-Artikolu 4. Ma jistax ikun hemm intervall bejn il-proġett oriġinali u l-operat attwali ta' tali tul ta' żmien li seta' jwassal għall-għażla ta' trasportatur tal-ajru ieħor meta l-ewwel ingħatat l-għotja;

(3) li jikkonforma mal-kondizzjonijiet eventwalment maħruġa mid-Direttur Ġenerali, għad-deċiżjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet tal-Awtoritajiet Ajrunawtiċi għall-pajjiżi mhux Komunitarji milquta mill-operat tas-servizzi tal-ajru konċernati kif ukoll ma' kull regola internazzjonali fil-qasam;

(4) li minnufih jgħarraf lid-Direttur Ġenerali dwar il-waqfien jew l-interruzzjoni tal-operat tas-servizzi tal-ajru konċernati. Fil-każ li tali interruzzjoni ddum aktar minn żewġ staġuni, id-deċiżjoni tal-għoti ta' drittijiet tat-traffiku u/jew ta' deżinjazzjoni tiġi rtirata uffiċjalment fi tmiem it-tieni staġun, sakemm it-trasportatur tal-ajru Komunitarju jkun jista' juri li kien hemm ċirkostanzi eċċezzjonali indipendenti mill-volontà tiegħu.

Id-Direttorat Ġenerali tat-Trasport bl-ajru jissorvelja r-rispett tal-obbligi msemmija fis-subparagrafu 1.

Artikolu 13

Il-benefiċċju tad-deżinjazzjoni u/jew tal-għoti tad-drittijiet tat-traffiku huwa personali u mhux trażmessibbli. It-tul ta' żmien huwa mingħajr limitu sakemm id-Deċiżjoni ma tiġix irtirata.

Artikolu 14

Meta trasportatur tal-ajru ma jirrispettax l-obbligi msemmija fl-Artikolu 12, §1 jew iqiegħed f'periklu serju s-sigurtà tal-ajru, il-Ministru jista' jissospendi jew jirtira d-Deċiżjoni ta' deżinjazzjoni u/jew ta' għoti tad-drittijiet tat-traffiku.

Artikolu 15

1. Kull trasportatur tal-ajru Komunitarju stabbilit fil-Belġju skont it-tifsira tal-liġi Komunitarja għandu d-dritt li jikkontesta l-użu minn trasportatur tal-ajru ieħor ta' drittijiet tat-traffiku fuq rotta partikolari u li jressaq l-applikazzjoni tiegħu biex jagħmel użu aħjar minnhom.

Għall-fini ta' dan għandu jippreżenta fajl iddokumentat kif xieraq lid-Direttur Ġenerali, li jista' jiġi kkonsultat mit-trasportatur tal-ajru li d-drittijiet tat-traffiku tiegħu qed jiġu kkonstestati.

Dan id-dritt ta' kontestazzjoni ma jistax jiġi jeżerċita qabel ma jkun għadda perjodu ta' sentejn ta' operat mill-għotja inizjali.

2. F'każ bħal dan, il-Ministru jeżamina mill-ġdid l-għotja inizjali abbażi tal-fajl u ta' seduti ta' smigħ eventwali, kif ukoll l-użu li sar minnha u jiddeċiedi:

(1) jew li ma jsegwix din l-applikazzjoni;

(2) jew li jiftaħ proċedura ġdida għall-għoti.

Fi kwalunkwe każ, fejn trasportatur tal-ajru Komunitarju ma jutilizzax id-drittijiet tat-traffiku tiegħu għajr f'forma ta' kollaborazzjoni ma' trasportatur tal-ajru ieħor u mingħajr ma juża l-inġenji tal-ajru tiegħu stess, il-Ministru jeżamina mill-ġdid u mingħajr dewmien l-għotja inizjali fil-każ li trasportatur tal-ajru konkorrenti jagħmillu talba formali għall-operat tas-servizzi tal-ajru konċernati permezz tal-inġenji tal-ajru tiegħu stess.

It-tranżizzjoni eventwali tal-għotja totali jew parzjali tad-drittijiet tat-traffiku u/jew tad-deżinjazzjoni għandha sseħħ l-aktar kmieni fl-ewwel jum tat-tieni staġun tal-IATA li jsegwi dak meta tittieħed id-Deċiżjoni.

Artikolu 16

Sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni korretta tas-swieq, tal-konnessjonijiet u tal-applikazzjonijiet tat-trasportaturi tal-ajru Komunitarji, dawn tal-aħħar għandhom jipprovdu fuq bażi regolari lid-Direttorat Ġenerali tat-Trasport bl-Ajru, l-istatistika fir-rigward tal-operati li għalihom ingħataw id-deżinjazzjoni.

Il-Ministru jippreċiża l-livell tad-dettall u l-frekwenza għall-għoti ta' dawn l-istatistiki.

Artikolu 17

1. Id-drittijiet tat-traffiku mogħtija għal rotta partikolari qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan id-Digriet u li diġà kienu limitati jew li saru limitati jistgħu jikkostitwixxu raġuni għal proċedura ta' kontestazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 15.

F'dak il-każ, id-Direttorat Ġenerali tat-Trasport bl-Ajru għandu jara li kemm jista' jkun tinstab soluzzjoni, qabel kwalunkwe ftuħ ta' proċedura, permezz tan-negozjar mill-ġdid tad-drittijiet tat-traffiku limitati miftiehma fil-ftehim tal-ajru konkluż mal-pajjiż mhux Komunitarju konċernat.

2. Il-proċedura msemmija fi §1 tapplika wkoll għad-deżinjazzjoni.

Artikolu 18

Il-liġi tat-3 ta' Mejju 1999 dwar it-trasportaturi tal-ajru regolari hija mħassra.

Artikolu 19

Dan id-Digriet jidħol fis-seħħ xahrejn wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-"Moniteur Belge".

Artikolu 20

Il-Ministru kompetenti għan-navigazzjoni bl-ajru huwa inkarigat bl-esekuzzjoni ta' dan id-Digriet.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Awwissu 2010.

Għar-Re

Il-Prim Ministru	*Is-Segretarju tal-Istat għall-Mobilità*
Yves LETERME	Etienne SCHOUPPE

Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE dwar għajnuna ta' investiment nazzjonali reġjonali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/C 101/09)

Għajnuna Nru	XR 194/07
Stat Membru	Spanja
Reġjun	Galicia
It-titolu tal-iskema ta' għajnuna jew l-isem tal-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna *ad hoc*	Ayudas regionales a la inversión en la Comunidad Autónoma de Galicia en aplicación del Reglamento (CE) nº 1628/2006
Bażi legali	Proyecto de Decreto por el que se regulan las ayudas regionales a la inversión en la Comunidad Autónoma de Galicia en aplicación del Reglamento (CE) nº 1628/2006
Tip ta' miżura	Skema ta' għajnuna
Baġit annwali	EUR 100 miljun
Intensità massima tal-għajnuna	30 %
	Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament
Data tal-implimentazzjoni	1.1.2007
Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali	31.12.2013
Setturi ekonomiċi kkonċernati	Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali
Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna	Xunta de Galicia Consellería de Economía y Hacienda Edificio Administrativo San Caetano s/n 15781 Santiago de Compostela ESPAÑA
l-indirizz fuq l-internet tal-pubblikazzjoni tal-iskema tal-għajnuna	http://www.econmiaefacenda.org/
Tagħrif ieħor	—

Għajnuna Nru	XR 67/08
Stat Membru	Spanja
Reġjun	—
It-titolu tal-iskema ta' għajnuna jew l-isem tal-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna ad hoc	Ayudas derivadas del Plan de Seguridad Minera para la consecución de una minera sostenible en los aspectos de prevención y seguridad minera.
Bażi legali	Orden ITC/732/2008, de 13 de marzo, punto Tercero, apartado 5.1. letra b), inversiones regionales (BOE nº 67 de 18.3.2008)

Tip ta' miżura	Skema ta' għajnuna
Baġit annwali	EUR 1,4 miljun
Baġit globali	—
Intensità massima tal-għajnuna	48 %
	Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament
Data tal-implimentazzjoni	19.3.2008
Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali	31.12.2013
Setturi ekonomiċi kkonċernati	Limitat għal setturi speċifiċi
	NACE: 13, 14
Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna	Dirección General de Politica Energética y Minas Jorge Sanz Oliva Paseo de la Castellana, 160 28071 Madrid ESPAÑA Tel. +34 913497475 Posta elettronika: jcsanz@mytic.es
l-indirizz fuq l-internet tal-pubblikazzjoni tal-iskema tal-għajnuna	http://www.mityc.es/seguridadminera
Tagħrif ieħor	—

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6144 – Giesecke & Devrient/Wincor Nixdorf International/BEB Industrie-Elektronik)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/C 101/10)

1. Fit-23 ta' Marzu 2011 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1]. Permezz ta' din: l-impriża Giesecke & Devrient GmbH ("G&D", il-Ġermanja) u l-impriża BEB Industrie-Elektronik AG ("BEB", l-Isvizzera), ikkontrollati minn Wincor Nixdorf International GmbH ("WNI", il-Ġermanja), proprjetà tal-grupp ta' impriżi Wincor Nixdorf Aktiengesellschaft (il-Ġermanja), jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-impriza CI Tech Components AG (l-Isvizzera) permezz ta' trasferiment ta' assi kif ukoll permezz tal-akkwist ta' ishma f'impriża konġunta stabbilita ġdida.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— G&D: il-ġestjoni ta' karti tal-flus, dokumenti ta' identità, smart cards, soluzzjonijiet għal sistemi ta' cards, kif ukoll soluzzjonjiet ta' sigurtà fil-qasam tal-IT,

— WNI: soluzzjonijiet fil-qasam tal-IT għall-ottimizzazzjoni ta' proċessi fil-qasam tas-servizzi bankarji bl-imnut u fil-kummerċ,

— BEB: tagħmir għall-għarfien u l-verifika ta' karti tal-flus.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b’emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta’ referenza COMP/M.6144 – Giesecke & Devrient/Wincor Nixdorf International/BEB Industrie-Elektronik, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6182 – MAN/MAN Camions et Bus/MAN Truck & Bus Belgium)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/C 101/11)

1. Fit-21 ta' Marzu 2011 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża MAN Truck & Bus AG ("MAN Truck & Bus", il-Ġermanja) ikkontrollata minn MAN SE ("MAN" il-Ġermanja), takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ ta' MAN Camions et Bus S.A.S. ("MAN" Camions et Bus, Franza), u MAN Truck and Bus N.V./S.A. "MAN Truck and Bus Belgium", il-Belġju), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— MAN: l-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta' trakkijiet, karozzi tal-linja u coaches, armaturi għax-xażi u għall-qiegħ ta' karozzi tal-linja, makni industrijali u għall-użu marittimu, makni tad-dijżil, makni turbo u servizzi industrijali,

— MAN Camions et Bus: il-bejgħ u s-servizz ta' wara l-bejgħ ta' trakkijiet, karozzi tal-linja u coaches u l-bejgħ ta' xażi għal coaches u (bħala aġent ġenwin) il-bejgħ ta' makni (dijżil) tat-trakkijiet u l-partijiet tagħhom,

— MAN Truck & Bus Belgium: il-bejgħ u s-servizz ta' wara l-bejgħ ta' trakkijiet, karozzi tal-linja u coaches u (bħala aġent ġenwin) il-bejgħ ta' makni (dijżil) tat-trakkijiet u l-partijiet tagħhom.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6182 – MAN/MAN Camions et Bus/MAN Truck & Bus Belgium, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż għall-attenzjoni ta' Ibrahim Hassan Tali Al-Asiri li żdied mal-lista msemmija fl-Artikoli 2, 3, u 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, permezz tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 317/2011

(2011/C 101/12)

1. Il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK ([1]) titlob lill-Unjoni biex tiffriża l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ta' Usama bin Laden, ta' membri tal-organizzazzjoni Al-Qaida u tat-Talibani u ta' individwi, gruppi, impriżi u entitajiet oħrajn assoċjati magħhom, imsemmijin fil-lista magħmula skont UNSCR 1267(1999) u 1333(2000) li għandha tiġi aġġornata b'mod regolari mill-Kumitat tan-NU stabbilit skont UNSCR 1267(1999).

Il-lista mfassla minn dan il-Kumitat tan-NU tinkludi:

— Al Qaida, it-Taliban u Usama bin Laden;

— persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet, korpi u gruppi assoċjati mal-Al Qaida, mat-Taliban u ma' Usama bin Laden; kif ukoll

— persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi li huma proprjetà ta' kwalunkwe wieħed jew waħda minn dawn il-persuni, entitajiet, korpi u gruppi assoċjati, jew li huma kkontrollati minnhom jew jappoġġjawhom mod ieħor.

Atti jew attivitajiet li jindikaw li individwu, grupp, impriża, jew entità hi "assoċjata ma'" l-Al-Qaida, Usama bin Laden jew it-Taliban jinkludu:

(a) il-parteċipazzjoni fl-iffinanzjar, fl-ippjanar, fl-iffaċilitar, fit-tħejjija jew fit-twettiq ta' atti jew attivitajiet li jsiru mill-Al Qaida, mit-Taliban jew minn Usama bin Laden, jew li jsiru magħhom, f'isimhom jew bħala għajnuna għalihom, jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp żgħir li jinqata' minnhom jew derivattiv tagħhom;

(b) il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u materjal relatat ma' xi wieħed minnhom;

(c) ir-reklutaġġ għal xi wieħed minnhom; jew

(d) xi forma oħra ta' appoġġ għall-atti jew l-attivitajiet ta' xi wieħed minnhom.

2. Fit-23 ta' Marzu 2011 il-Kumitat tan-NU ddeċieda li jżid lil Ibrahim Hassan Tali Al-Asiri mal-lista relevanti. Huwa jista' meta jrid iressaq talba lill-Ombudsman tan-NU, flimkien ma' kwalunkwe dokument-azzjoni ta' appoġġ, sabiex id-deċiżjoni biex jiġi inkluż fil-lista tan-NU msemmija aktar 'il fuq terġa' tiġi kkunsidrata. Tali talba għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

In-Nazzjonijiet Uniti – Uffiċċju tal-Ombudsperson
Kamra TB-08041D
New York, NY 10017
UNITED STATES OF AMERICA

Tel. +1 2129632671
Fax +1 2129631300 / 3778
Posta elettronika: ombudsperson@un.org

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 4.

Għal aktar tagħrif, ikkonsulta: http://www.un.org/sc/committees/1267/delisting.shtml

3. Barra mid-deċiżjoni tan-NU msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (UE) Nru 317/2011 ([1]), li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi ta' restrizzjoni diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk tal-Al-Qaida u t-Taliban ([2]). L-emenda, magħmula b'konformità mal-Artikolu 7(1)(a) u 7a(1) tar-Regolment (KE) Nru 881/2002, iżżid lil Ibrahim Hassan Tali Al-Asiri mal-lista fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ("Anness I").

Il-miżuri li ġejjin tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 japplikaw għall-persuni u l-entitajiet li jinsabu fl-Anness I:

(1) l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għall-individwi u l-entitajiet ikkonċernati, jew li huma proprjetà tagħhom jew miżmumin minnhom, u l-projbizzjoni (fuq kulħadd) milli jagħmlu disponibbli fondi u riżorsi ekonomiċi għal kwalunkwe wieħed mill-individwi u l-entitajiet ikkonċernati jew għall-benefiċċju tagħhom, kemm jekk direttament kif ukoll jekk indirettament (l-Artikoli 2 u 2a ([3])); kif ukoll

(2) il-projbizzjoni tal-għoti, il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' pariri tekniċi, assistenza jew taħriġ relatati ma' attivitajiet militari lil kwalunkwe mill-individwi jew entitajiet ikkonċernati, kemm direttament kif ukoll indirettament (l-Artikolu 3).

4. L-Artikolu 7a tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 ([4]) jipprovdi għal proċess ta' reviżjoni fejn osservazzjonijiet fuq bażi ta' reġistrazzjoni jiġu sottomessi minn dawk li qegħdin fil-lista. L-individwi u l-entitajiet miżjudin mal-Anness I permezz tar-Regolament (UE) Nru 317/2011 jistgħu jagħmlu talba lill-Kummissjoni biex isiru jafu r-raġunijiet għall-inklużjoni tagħhom fil-lista. Din it-talba għandha tintbagħat lil:

Il-Kummissjoni Ewropea
"Miżuri Restrittivi"
Rue de la Loi/Wetstraat 200
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

5. Qed tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-individwi u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw ir-Regolament (UE) Nru 317/2011 quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont il-kundizzjonijiet imsemmija fir-raba' u fis-sitt paragrafi tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

6. Id-dejta personali tal-individwi kkonċernati se tkun trattata f'konformità mar-regoli li jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità (issa l-Unjoni) u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta ([5]). Kwalunkwe talba, pereżempju għal aktar informazzjoni jew sabiex jiġu eżerċitati d-drittijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 (pereżempju l-aċċess jew ir-rettifika ta' dejta personali), għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni, fl-istess indirizz imsemmi fil-punt 4 aktar 'il fuq.

7. Biex ikun hemm ordni tajba, qed tinġibed l-attenzjoni tal-individwi u l-entitajiet inklużi fl-Anness I għall-possibbiltà li jagħmlu applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat/i Membru/i rilevanti, kif elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, sabiex jiksbu awtorizzazzjoni biex jużaw fondi ffriżati u riżorsi ekonomiċi għal bżonnijiet speċjali jew pagamenti speċifiċi skont l-Artikolu 2a ta' dak ir-Regolament.

([1]) ĠU L 86, 1.4.2011, p. 63.
([2]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.
([3]) L-Artikolu 2a ddaħħal mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 561/2003 (ĠU L 82, 29.3.2003, p. 1).
([4]) L-Artikolu 7a ddaħħal mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1286/2009 (ĠU L 346, 23.12.2009, p. 42).
([5]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2011/C 101/10 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6144 – Giesecke & Devrient/Wincor Nixdorf International/BEB Industrie-Elektronik) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata (1) . . . 36

2011/C 101/11 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6182 – MAN/MAN Camions et Bus/MAN Truck & Bus Belgium) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata (1) 38

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2011/C 101/12 Avviż għall-attenzjoni ta' Ibrahim Hassan Tali Al-Asiri li żdied mal-lista msemmija fl-Artikoli 2, 3, u 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, permezz tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 317/2011 39

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT